IT-TIENI KTIEB
TAT-TLIETA U
ERBGĦIN SENA

ĠUNJU

1967

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)

KULL TLIET XHUR

### KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

EDITUR — Spirtu Ekumeniku ... ... ... ... ... faċċ. 33
ĠUŻE' GALEA, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H. —
*"Bel Esprit"* ... ... ... ... ... ... ... „ 34
a.c. — Il-Mewt ta' Laurent Ropa ... ... ... ... „ 35
WALLACE Ph. GULIA, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C.,
M.A. (Admin.) (Manchester), D.P.A. (Lond.) —
*The Passion Tree, 1967* ... ... ... ... ... ... „ 37
GODFREY ZARB ADAMI — Rapport tas-Segretarju ... „ 38
A. CREMONA, D.Litt. — Minn Betlehem għall-Kalvarju ... „ 42
CASSOLA ALBERT M., F.I.L., O.S.J. — Id-Dmir ... ... „ 48
OLIVER FRIGGIERI — *Epitaffju Għalija* ... ... ... „ 51
ANTON AGIUS MUSCAT, D.G. (Lond.) —
Riccarda Borg Fernandez ... ... ... ... ... „ 52
RICCARDA BORG FERNANDEZ — *Il-Fjur Tiegħi* ... „ 53
VIC APAP — *Il-Ġenju* ... ... ... ... ... ... „ 53
A.C. — Ismijiet ta' Dwieli u Għeneb ... ... ... „ 54
NIKOL BIANCARDI — Ittri tal-Prof. E. Sutcliffe, S.J. ... „ 55
SPIRO BUHAGIAR — *Malta Tibki* ... ... ... ... „ 57
Fra EWĠENJU FENECH, O.F.M. — Battikata ... ... „ 58
VIC APAP — *L-Imħallef* ... ... ... ... ... ... „ 59
Reċensjonijiet ... ... ... ... ... ... ... ... „ 60

**DIRETTUR: Prof. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.,**
**34/14, Triq id-Dejqa, Valletta.**

**ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, Hon. D.Lit.,**
**53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Paola.**

**SEGRETARJU ONORARJU: Godfrey Zarb Adami,**
**18, St. Christopher Street — Valletta.**

*Kull korrispondenza għandha tinbagħat lis-Segretarju Onorarju.*
*All communications should be addressed to the Hon. Secretary.*
*Ogni corrispondenza da spedirsi al Segretario Onorario.*
*Toute correspondance doit être envoyée au Secrétaire Honoraire.*

---

*Ħlas ta' IL-MALTI: 4/- fis-sena. Ktieb wieħed: 1/-.*
*Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:*
*Victor Apap, 22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.*

# I L - M A L T I

QARI LI TOĦROĠ | ĠUNJU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI | 1967

# SPIRTU EKUMENIKU

*Meta l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni XXIII fl-1962 sejjaħ l-Insara kollha għall-Konċilju Ekumeniku u ta bidu għal dik il-laqgħa tal-Mexxejja tal-Knisja, hu wettaq ġrajja li xegħlet id-dehen u qanqlet il-qlub tan-nies tad-dinja kollha. Din il-ġrajja kienet waħda mill-aktar li kellhom effett fuq l-umanità għax tolqot il-popli kollha, Kattoliċi u mhumiex, tnissel fihom ġibda biex jersqu lejn xulxin u jifhmu aktar lil xulxin.*

*L-iskop ewlieni tal-Konċilju kien il-għaqda ta' dawk kollha li jimxu wara Kristu u jixtiequ jseddqu bit-tagħlim Tiegħu. Il-Konċilju ma ltaqax biex aħna l-Kattoliċi nxandru ma' l-erbat irjieħ tad-dinja kemm aħna nies sewwa, li ma hawnx aħjar minna, li ħadd ma jegħlibna għat-tjubija u għall-qdusija u li għalhekk l-oħrajn għandhom jagħmlu bħalna u joqogħdu għalli ngħidulhom aħna.*

*Mhux din kienet il-fehma tal-Papa Ġwanni u tal-Papa Pawlu li laħaq warajh. Dawn iż-żewġ Kapijiet tal-Knisja tagħna mhux darba jew tnejn qalu li l-ħsieb tal-Konċilju kien li jressaq lejn xulxin ir-Reliġjonijiet Insara u jlaqqgħuhom ħalli jitkellmu flimkien u jaqbdu djalogu li fih kulħadd ifisser il-fehma, ix-xewqa u r-rieda tiegħu. Dawn id-djalogi ma kenux bi skop li kulħadd iħaqqaq it-tagħlim tal-Fidi tiegħu, imma bi skop li wieħed jintebaħ u jara t-tajjeb li hemm fil-Fidi ta' ħaddieħor, għax f'kull Reliġjon għandu wieħed isib xi ħaġa tajba u ta' fejda għalkemm is-sewwa hu fir-Reliġjon Kattolika.*

*Din kienet xejra ġdida, xejra ta' ħbiberija, ta' mogħdrija, ta' ħniena; tliet sentimenti li jressqu l-bnedmin lejn xulxin u jnisslu paċi u ftehim. F'dan il-Konċilju nfetħet folja ġdida fl-istorja tal-Knisja, folja bajda u safja biex fiha tinkiteb l-aħbar imqaddsa li xandru wara studju profond, il-Kapijiet tal-Knisja mnebbħin mill-Ispirtu s-Santu.*

*Dik l-aħbar ġriet minn ġens għal ieħor, issemmiet fil-Parlamenti, daħlet fid-djar, messet il-qlub, xegħlet l-imħuħ u nisslet xewqa għal ftehim u tama fiż-żmien li ġej; imma fuq kollox ġiegħlet lin-nies tad-dinja jaħsbu u jikkontemplaw fuq il-ħajja spiritwali u ma ħallithomx medhijin biss fuq il-ħajja materjali.*

*Hekk tnissel l-ispirtu ekumeniku fost il-ġeneru uman; u l-għaqda tal-knejjes ġibdet magħha xewqa għal rabta fost il-ġnus. Dawn il-qawmiet spiritwali u materjali nħassu mhux biss fost il-ġnus, iżda wkoll*

*fost kull wieħed jew waħda li huma għaj enin mit-tweġħir tal-ħajja tal-lum, li xebgħu mill-qerq, mill-għira u mill-qilla li qegħdin jaħkmu fuq l-imġiba tal-kotra, u għalhekk dawn in-nies ħassew li għandhom jinqdew b'din it-tqanqila meraviljuża biex jagħtu lill-ħajja xejra ġdida u lid-dinja sura ħanina.*

*Mela dan hu l-ħin li jistedinna biex infarfru l-bruda minn fuqna, u dan hu l-waqt li fih għandna mmiddu idejna lejn xulxin b'sinjal ta' ħbiberija; imma għandna nagħmlu hekk mhux biss ma' dawk li huma magħna u jaħsbu bħalna, iżda wkoll ma' dawk li huma mifrudin minna u l-ħaġa ma jifhmuhiex bħalna.*

*Din ix-xejra ta' paċi u fiduċja tgħodd għal kull ġens ta' poplu u għal kull klassi ta' nies, tgħodd għalina tal-Akkademja u għall-għaqdiet u xirkiet oħra. S'issa b'xorti ħażina, ħafna ma fehmuniex u għandna mnejn aħna anqas għarafna x'kien sewwa l-ħsieb tagħhom; huma għandhom it-tajjeb tagħhom bħalma aħna għandna t-tajjeb tagħna u din it-tjubija tat-tnejn imissha sservi ta' kalamita biex tiġbidna lejn xulxin. Mela nħallu t-tgemgim, nieqfu mit-tmaqdir, nagħarfu lilna nfusna, nemmnu fil-ġid u s-sewwa li għalihom qegħdin inħabirku aħna u l-oħrajn bħalna, u hekk nixxierku flimkien u nimxu 'l quddiem bil-qawwa u bil-għaqal, lejn l-ideal komuni; ir-riżq u l-barka ta' Malta u l-ilsien tagħha.*

---

## "BEL ESPRIT"

### *Ta'* ĠUŻEP GALEA

Mhux għalxejn mid-dinja kollha
L-isem tiegħek hu miqjum
Hena għall-qlub, faraġ għar-ruħ
Kif kont dejjem, int illum.

Bl-oħla ġmiel imżejjen wiċċek
Ta' lwien sbieħ jilma bid-dija;
Qisu ġilju kollu bjuda,
Qisu warda ħamranija.

Nar ta' seħer jien nistħajlek
Li tal-qerq il-kesħa jbiegħed
U l-imħabba tnissel f'għajrek.

Rawk in-nies minn kullimkien,
Hemm fil-għoli fejn int qiegħed
Tmexxi u tħares mit-telfien.



# IL-MEWT TA' LAURENT ROPA

Fil-10 tax-xahar ta' April li għadda waslitilna l-aħbar kerha u ta' swied il-qalb li l-ħabib tagħna **LAURENT ROPA**, li miegħu kellna rabta għażiża bħala bniedem li għamel ġieħ lil Art Twelidu u l-Ilsien Malti bil-kitba tiegħu, miet fid-29 ta' Marzu fid-dar tiegħu Placè (Sarthe), Franza, fil-għomor ta' 76 sena wara marda kiefra li kien ilu jbati biha minn xi tliet snin b'mod li, ma' tul iż-żmien kollu, għenet mewtitlu l-ħeġġa ta' moħħu u waqqfitu m'l-ħidma letterarja tiegħu.

Ropa fi tfulitu studja fl-*Ecole Normale* ta' Kostantina (fl-Alġerija) sakemm beda jgħallem fl-Iskejjel tal-Gvern Franċiż. Serva ta' Fizzjal fir-riġment taż-Żwavi żmien il-Gwerra l-Kbira tal-1914-1918, u kien ferut. Wara l-Gwerra, għex fi Franza fejn laħaq Direttur ta' l-iskola Pubblika tad-Distrett ta' Sillè-le-Guillaume (Sarthe).

Lil Ropa, li kien ilu marbut mal-*Għaqda* minn xi 33 sena 'l hawn b'rabta ta' ħbiberija kulturali tal-Lsien Malti, aħna konna sirna nafuh l-ewwel darba bħala kittieb ta' l-ewwel rumanz tiegħu "Le Chant de la Noria" b'argument ta' ħajja bidwija ta' emigranti Maltin fl-Alġerija, imbagħad bħala kittieb ta' versi bil-Franċiż li bihom fisser il-ġmiel tal-poeżija Maltija ta' xi poeti Maltin. Isem Ropa bħala poeta mill-aħjar kien deher għall-ewwel fl-1932 fil-ktieb li kien ħareġ l-Editur Albert Messein bl-isem ta' *Antologie Des Poëtes Neo-Classiques* fejn, fost poeżiji ta' kittieba oħra, hemm sitta ta' Ropa, b'waħda li kien kiteb meta kien għad kellu xi erbatax-il sena.

Bħala kittieb ta' proża dissertatorja kien għamel isem ukoll fl-istudji kritiċi tiegħu, l-iktar dwar il-lingwistika, fil-*Parenthese*, kif ukoll f'*La Grande Revue* (1935) bl-artiklu tiegħu "Malte et sa Litterature", fejn, wara xi tagħrif fuq fuq ta' l-Istorja ta' Malta u l-Maltin, wera l-isvilupp letterarju tal-Malti bix-xogħlijiet ta' kittieba ta' proża u versi, u fejn, fl-istess rivista, dehret ukoll, ma' dak l-artikolu, mill-pinna tiegħu, traduzzjoni bil-Franċiż tal-poeżija "Non Omnis Moriar" ta' Dun Karm.

L-akbar xhieda li turina l-ġibda u mħabba kbira tiegħu li kellu għall-koltivazzjoni letterarja Maltija hija l-ġabra ċkejkna, iżda wisq għażiża, tal-poeżiji ta' poeti Maltin minnu maqlubin bil-Franċiż bl-isem ta' *Poetes Maltais* maħruġin fi ktieb mill-Editur Armand Guilbert fl-1937. Il-pubblikazzjoni ta' din l-antoloġija qajmet interess kbir f'ġurnali letterarji barranin, fil-Bulgarija, f'Tunes, Bona, Kostantina u Brussels, dwar il-valur letterarju ta' xi poeżiji, tant li Ropa stess kien fuq hekk għarrafna b'dawn l-aħħar kelmiet li bagħat f'ittra: "*Les Poetes Maltais sont maintenant connus et ma tache est accomplie*".

Band'oħra f'"Le Petit Matin" tal-10 ta' April, 1937, dehru xi kummenti dwar "Les Poetes Maltais", fejn intqal "*Grace a M. Armand Guilbert — aide de M. Laurent Ropa, la littersture mondiale s'enrichit d'une langue et d'une ame nouvelles.*"

L-ewwel ktieb ta' poeżiji bil-Franċiż li kiteb Ropa iddedikah lil martu taħt l-isem ta' *Notre Dame de la Vie* li kiteb fl-1945. Wara dan id-daqsxejn ta' ktieb, Ropa kiteb u ħareġ żewġ kotba oħra ta' versi bil-Franċiż: *Le Jardin de L'Allelik* (1950) li tiegħu kienet saret reċensjoni f'*Il-Malti* (*Set.* 1951) u *La Priere A Hippone* (1955).

Il-poeżija ta' Ropa hija oriġinali u immaġinativa bi kliem sempliċi, bi ħsieb sintetiku, metaforiku u għoli, mibni fuq ix-xenarju tal-ġnien tan-natura, imżewqa b'ħolm, tamiet u mħabba.

Barra mir-rumanz "Le Chant de la Noria" (1932) huwa kiteb u ħareġ tnejn oħra: *Kaline* (1936) wieħed u *Bou-Ras* (1945) l-ieħor. Fl-ewwel wieħed huwa daħħal persunaġġi Maltin, bħal fl-ewwel rumanz li kien kiteb, emigranti fl-Afrika ta' Fuq, b'xi episodji romantiċi, wera li, għalkemm kien ilu nieqes minn art twelidu minn mindu kellu sentejn, huwa kien iħoss f'demmu li hu Malti u li jħobb jikteb fuq nies ta' nisel pajjiżu. It-tieni wieħed: *Bou-Ras*, huwa suġġett simboliku li jistaħreġ it-tweġhir li tiltaqa' miegħu r-ruħ meta tfittex tinfired mid-dinja u togħla bil-ħsieb lejn il-Mulej.

Snin ilu Ropa kien bil-ħajra li joħroġ antolġija sħiħa maqluba bil-Franċiż li fiha tkun tidher fil-wisa' l-kitba tal-poeti Maltin, xjuħ u ġodda li s'issa żejnu bil-pinna tagħhom il-paġni tal-letteratura Maltija, iżda, imħabba xi xkiel fl-ispiża għolja ta' l-istampa, dan il-ħsieb hekk mixtieq minn Ropa ma satax jitwettaq.

Aħna, li għalkemm bosta minna ma kellniex ix-xorti li nafuh ħlief mix-xogħlijiet tiegħu fejn wera l-għożża tiegħu lejn art Twelidu u l-Lsien Malti, ma nistgħux ma ngħibux quddiem għajnejna, u nibqgħu niftakruh, bħala wieħed mill-egħżeż ħabib tal-kitba Maltija tagħna.

Hekk ukoll nittamaw li f'Art Twelidu ismu u l-ħidma tiegħu għall-ġieh ta' Lsienna u ħutu l-Għawdxin jibqgħu mfakkrin b'ittri

li ma jitħassru qatt mal-ħajt tas-saqaf fejn 76 sena ilu huwa twieled u Għawdex laqgħu ma' wliedu.

Fil-waqt li nagħtu l-għomor lil ħuh, Patri Piju Rapa, O.P., Membru tal-Akkademja tal-Malti, u lil nisu, nissabbru magħhom fil-ħsieb li l-ħabib tagħna, li llum m'għadux fostna, issib fis-Sema l-mistrieħ ta' dejjem fis-Sliema tal-Mulej u l-premju li jistħoqqlu għall-ġid li għamel għal għajru u għal pajjiżu.

a.c.

---

# THE PASSION TREE, 1967

*Ta'* WALLACE Ph. GULIA

*Lil Nancy, b'imħabbti.*

Ferrħitni dal-għodu s-siġra ta' Ġuda qed tħammar
taħt sem' ikħal nir;
fakkritni fil-jiem ta' żgħożiti
xħin ġrejna fil-wied, ħdejn l-ilqugħ
tal-ilma; w idejja f'idejk,
w għajnejja f'għajnejk,
l-ewwel xrara ta' mħabba għaddiet!

Kemm ġrajja għaddew
bil-ħajr u bin-niket,
bid-dmugħ u bil-ferħ!
Imm' ibqa', o Siġra
kull sena fakkarni,
ħajjarni,
bil-ħmura w bl-inwar
tal-imħabba ta' marti!

Ħammar, o Siġra, u ħabbar kull sena:
il-passjoni kif tiġi w itmur!
— Suffarell jaħraq nar,
leħħ sabiħ, xkattat min-nidien!
IHEĠĠEĠ W ISAĦĦAR!
X'baqa'? —
L-imħabba, le tmut!

# RAPPORT TAS-SEGRETARJU

Sur President, Sħabi Membri tal-Kunsill, Sinjuri Akkademiċi,

Il-Laqgħa Ġenerali li fiha nħatar dan il-Kunsill skond l-Istatut il-ġdid saret fis-7 ta' Marzu, 1965. Minn dak iż-żmien il-Kunsill iltaqa' tnax-il darba sabiex jieħu ħsieb dak li jmiss il-ħajja tal-Akkademja.

Jisgħob bija nistqarr li għalkemm għamilt kull ma stajt sabiex l-isem tal-Membri tal-Kunsill ikun ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, b'danakollu baqa' ma rnexxilix.

Lanqas ma rnexxielna, la lit-Teżorier u lanqas lili, li nkabbru s-somma ta' £30 li ta' kull sena l-Gvern jagħtina bħala għajnuna minkejja l-fatt li wrejna ċar li £30 ta' dari xejn ma għandhom x'jaqsmu ma' £30 tal-lum.

Mill-banda l-oħra, għandi pjaċir infakkar li x-xogħol tal-Kunsill ta' qabel f'dak li għandu x'jaqsam mar-reviżjoni ta' l-Istatut ra d-dawl meta kopja stampata ta' l-Istatut intbagħtet lil kull Membru Akkademiku fil-25 ta' Mejju tas-sena li ħarġet.

Ma' tul il-ħajja ta' dan il-Kunsill, l-għadd tal-Membri Akkademiċi żdied bi tnejn u naqas bi tlieta. Inħoss li għandi nfakkar fil-qosor lill-ħbieb tagħna, il-Komm. Ivo Muscat Azzopardi, lill-Patri Ġ. Mejlak, Ġiżwita, u lil-Kaptan J.E. Busuttil li kull min f'fergħa, min f'oħra ta' dak li għandu x'jaqsam ma' l-Ilsien Nazzjonali tagħna u l-letteratura tiegħu għamlu xogħol siewi li mhux għalkemm jintesa.

Hu dmir tagħna li lil dawk li jaħdmu ma' tul ħajjethom għar-riżq ta' lsienna ma nħalluhomx jintesew wara mewthom. Għalhekk tajna l-għajnuna tagħna biex Dun Karm ikun imfakkar fir-raħal fejn twieled u trabba b'mezz ta' esibizzjoni, u poġġejna żewġ irħamiet kommemorativi fejn trabba u għax għal xi żmien. Biħsiebna wkoll nagħmlu l-istess ħaġa biex il-memorja tal-mibkijin Dr. Ruzar Briffa u ta' sieħbu Dr. Ġużè Bonnici tibqa' friska, l-aktar f'moħħ l-istudenti tal-Università Rjali ta' Malta. F'din il-ħidma sibna għajnuna l-aktar siewja tal-Għaqda tal-Malti (Università), tal-Għaqda Letterarja Maltija, u ta' Għaqdiet oħra, imma b'mod l-aktar speċjali, tas-Sinjorina Karmen Mikallef Buħaġar, li għalkemm tinsab fl-Ingilterra, u qatt ma ġiet hawn Malta, b'danakollu turi mħabbitha għal dak kollu li hu Malti billi, fost ħwejjeġ oħra, u minkejja li mhix għanja u trid taħdem biex taqla' l-ħobża ta' kuljum, iddaħħal idha fil-but u tħallas sabiex isiru dawn iċ-ċerimonji li jissoktaw jagħnu l-patrimonju nazzjonali. J'Alla tkun ta' xempju għal oħrajn!

Aħna niftakru wkoll fil-ħajjin għaliex meta xi ħadd minn sħabna

jikseb xi unur jew jieħu xi promozzjoni, inkunu minn ta' quddiem nett li nifirħulu u nifirħu miegħu. Fost okkażjonijiet oħra ma nistgħax ma nsemmix il-"Vermouth d'Honeur" li ngħata fi ħdan il-Kunsill lill-President tagħna meta l-Qdusija Tiegħu l-Papa għoġbu jiddekorah bil-midalja "Pro Ecclesia et Pontifice" u l-Gran Mastru tal-Ordni tal-Kavalieri ta' Malta għoġbu jgħollih għall-grad ta' Kavalier Gran Kruċ; dik ta' meta lill-President Onorarju tagħna, il-Professur Ġużè Aquilina ngħata, kif tassew stħaqq, il-Midalja Ġużè Muscat Azzopardi, f'ċerimonja li saret fil-31 Ottubru, 1966, u li tagħha ħadet ħsieb, bħalma dejjem tagħmel, l-Akkademja tagħna — hawn irrid irrodd ħajr lill-President l-ieħor Onorarju tagħna is-Sur Gino Muscat Azzopardi li minn fuqu jagħti dik il-midalja, u jħallas l-ispejjeż taċ-ċerimonja, f'ġieh missieru l-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi, il-fundatur u l-ewwel President tagħna, kif ukoll lis-Sinjura Anna Muscat Azzopardi, martu, li waqqfet l-għotja ta' premju biex tissokta tħajjar liż-żgħażagħ jistudjaw il-Malti; il-"Vermouth d'Honeur" l-ieħor li offra l-Kunsill lill-wisq meqjum Patri Provinċjal, Professur Serafin Zarb, meta għalaq ħamsin sena middħul tiegħu fl-Ordni Dumnikan; u fl-aħħarnett inħoss id-dmir li nxandar il-ferħ tagħna meta sirna nafu li s-Sur Salvatore Gatt laħaq Direttur tal-Edukazzjoni, — minnu, bħala Membru Akkademiku, nistennew riżq għall-Malti u għajnuna f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Akkademja tagħna.

Ukoll ħadna sehem fl-akkademja li għamlet l-Għaqda tal-Malti (Università) f'ġieh il-wisq maħbub u xwejjaħ Akkademiku, id-Duttur Antonio Cremona, jew is-"Sur Nin" kif kien u għadu magħruf minn bosta ħbieb tiegħu. Lil dan il-ħabib tal-qalb, li għadu tant attiv fil-qasam ta' l-Ilsien Malti, nixtiequlu għomor twil u ħidma wtiqa.

Ma nonqsux ukoll li ngħidu kif nistgħu movimenti, jew xi ċaqliqa nazzjonali: u għalhekk għamilna l-kontribut tagħna sabiex jitwaqqaf monument lil Sir Filippo Sceberras li tant ħadem biex Malta tikseb awtonomija governativa.

Imma jekk ma' sħabna nissieħbu fil-ferħ, naqsmu wkoll magħhom in-niket; għalhekk meta xi wieħed minna jitlef lil xi ħadd għażiż għalih, aħna jew immorru nżuruh, jew niktbulu biex insabbruh. Nagħmlu hekk ukoll ma' niesu, meta l-Mulej isejjaħ għall-ħajja l-oħra lil xi ħadd fostna. Ta' kull sena, imbagħad, fix-xahar ta' Novembru nagħmlu quddiesa biex noffru l-merti tal-Vittma Divina għall-mistrieħ ta' dejjem ta' dawk il-Membri sħabna li qegħdin jistennewna fid-dinja l-oħra.

Imma dak li għidt s'issa, forsi ma jmissx il-veru skop tal-Akkademja tagħna, jew il-ħajja intima tagħha. Dan li ser inżid ngħid juri li minkejja dak li xi wħud, minn żmien għal ieħor ifettlilhom jaqilgħu,

mhux tassew minnu. Aħna, bħala Għaqda ta' kittieba tal-Malti, ilna ngħixu aktar minn 44 sena. "IL-MALTI", ir-rivista letterarja li noħorġu kull tliet xhur, biex narrikkixxu l-letteratura Maltija, inħajru u nagħmlu l-qalb lill-kittieba żgħażagħ, u nfissru u nsaħħu l-għan tagħna, baqa' dejjem ħaj, minkejja bombi u qerda, nuqqas ta' mezzi finanzjarji u diffikultajiet oħra. Dan nafuh l-aktar għas-sagrifiċċju ta' xi tlieta jew erba' akkademiċi anzjani li ma jaqtgħux nifishom jaħdmu, bla la jdoqqu trumbetti, u lanqas għax jittamaw xi favur, imma biss għaliex imħeġġa mill-imħabba ta' lsienhom, u d-dmir lejn in-nies ta' art twelidhom.

Ridna, u wara ħafna taħbit irnexxielna, nibdew nitqiesu Membri Fundaturi ta' "Din l-Art Ħelwa" għaliex dehrilna li l-kittieba tal-Malti għandhom sehem x'joffru f'kull ħidma li tħares u tieħu ħsieb il-wirt nazzjonali.

Offrejna wkoll l-għajnuna tagħna lill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni, Kultura u Turiżmu malli sirna nafu li kien biħsiebu jwaqqaf Kunsill ta' l-Arti; imma l-offerta tagħna ma kenitx milqugħa.

Tħabatna mhux ftit biex il-livell ta' lsienna fil-ġurnali u fil-fergħat differenti tax-xandir jinżamm għoli. Għalhekk ħadna passi mal-Kapijiet tar-"Rediffusion" u t-"Television", ktibna fil-ġurnali, u għamilna "seminar" għall-ġurnalisti, xandara u tradutturi, u qegħdin nieħdu ħsieb inwaqqfu kors ta' studju u thejjija għal dawn, li jridu jedukaw lill-poplu jaħseb b'moħħu. Jisgħobbina tassew meta naraw li mhux kulħadd igħożż , kif xieraq, din il-ħidma tagħna.

Ħadna passi wkoll sabiex, bħalma fil-Kostituzzjoni tal-Indipendenza ta' Malta, l-Ilsien Malti biss hu magħruf bħala l-Ilsien Nazzjonali — u, igħidu xi jgħidu, din hi l-akbar rebħa tagħna, ir-rebħa glorjuża tal-Akkademjan tal-Malti — hawn ma għandniex ninsew l-għajnuna mogħtija minn xirkiet oħra — hekk ukoll l-Ilsien Malti jkun għallinqas wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Università Rjali ta' Malta, l-ogħla sedi kulturali tagħna. Kliemna nstema' b'simpatija mir-Rettur Manjifiku u Viċi-Kanċellier, li qalilna li jaqbel magħna; iżda jeħtieġ li ssir bidla fl-Ordinanza li tikkostitwixxi l-awtonomija tal-Università u din trid ssir mill-Parlament Malti — din mhix ħaġa faċli ħafna għalkemm hemm sinjali li jġegħluna nqawwu qalbna.

Meta beda jberraq xi ftit, u fil-Parlament deher li l-qagħda tal-Malti kienet ser tkun inqas soda milli hi — irriduha tissoda dejjem aktar — mill-ewwel ħadna passi, u delegazzjoni magħmula mill-President tagħna, il-Professur tal-Malti li hu l-President ukoll tal-Għaqda tal-Malti (Università) u President Onorarju tagħna, flimkien max-xwejjaħ u għaqli Akkademiku l-Patri Ġużè Delia, marret tkellem lill-Prim Ministru li laqagħha; għandna tama sħiħa li mhux ser jisgħobbina. Wassalna wkoll il-fehma tagħna lill-Mexxej tal-Oppo-

sizzjoni u t-theddida tal-maltemp donnha tbiegħdet.

Irsaqna quddiem il-Kumitat tat-Teatru Manoel biex inħajruhom jaraw kif jagħmlu sabiex ix-xogħol tal-kittieba tal-opri bil-Malti ikun rimunerat kif xieraq — għallinqas aktar milli hu issa.

Sar ftehim preliminari mad-Direttur tal-Edukazzjoni biex tingħabar antoloġija rappreżentativa ta' kitba maltija li tkun stampata f'għadd ta' kotba ħalli tkun tista' tintuża fi klassijiet ta' livell differenti sew fl-iskola primarja kemm f'dik sekondarja.

Ressaqna wkoll quddiem il-Ministru Dr. A. Paris talba sabiex l-Istorja ta' Malta ta' Sir Temi Zammit, riveduta, miżjuda sa l-aħħar żmenijiet u mirquma bi stampi adattati tkun użata bħala test fl-iskejjel primarji; s'issa għad ma għandniex tweġiba definitiva.

Xtaqna li ssir "Ġimgħa tal-Malti" u konna lesti biex nieħdu sehem, iżda ħtija ta' qagħda mwiegħra li nqalgħet għal għarrieda u bla mistennija din baqgħet ma saret.

Kif żgur intom tafu, l-Akkademja għandha żewġ rappreżentanti fil-Kumitat Governativ li jirrakkomanda sussidju lill-kittieba ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti; wieħed minn dawn ir-rappreżentanti miet u l-ieħor irtira ħtija ta' l-età; inbagħtu l-ismijiet ta' żewġ rappreżentanti oħra, u dawn kienu milqugħa.

Għamilna wkoll talba biex il-Gvern jagħti vitalizju lil Dr. Antonio Cremona. Ma hawnx bniedem ħaj fil-kamp letterarju li jixraqlu aktar minnu li jingħatalu dan il-vitalizju — l-istess bħalma fl-imgħoddi kien ingħata lil Dun Karm. Nittamaw li l-widnejn jisimgħu, il-moħħ jagħraf, il-qalb tħoss u l-idejn jagħmlu biex lis-Sur Nin Cremona jingħata dak li jimmerita.

Għad fadal problema wieħed li ma nistax ma nsemmix għax, jolqot sewwa l-ħajja tal-moviment tagħna, Kemm-il darba jinstema' xi kliem dwar "Kunsill Ċentrali" u x'naf jien; forsi mhux kulħadd jaf li fl-imgħoddi dan l-esperiment sar, bi ftit riżultat siewi; għalhekk aħna, li nitgħallmu mit-tiġrib ta' l-imgħoddi, ftaħna biebna għaxxirkiet l-oħra kollha li l-għan tagħhom hu bħal tagħna; huma kollha jistgħu jaffiljaw magħna; hekk inkunu familja waħda, magħquda flimkien, setgħana u qawwija biex tilqa' kull għawġ li jinqala'.

Barra minn Malta — u dan ngħiduh bi pjaċir kbir — il-moviment u l-ħidma tagħna qegħdin, kull ma jmur, ikunu milqugħin dejjem aktar; infatti l-għadd ta' Istituti Kulturali, Librerij kbar u magħrufa u Universitajiet li jitolbuna "Il-Malti" qed dejjem jikber.

Fl-aħħarnett ma nistax nagħlaq bla ma rrodd il-ħajr tiegħi għallgħajnuna tagħhom lill-Membri Akkademiċi kollha, lil dawk tal-Kunsill b'mod speċjali, imma b'mod l-aktar partikolari lill-President, li bi kliemu dejjem isaħħek fil-fehma li tissokta taħdem, meta ħtija ta' nuqqas ta' apprezzament, tkun ser taqta' qalbek.

# MINN BETLEHEM GHALL-KALVARJU

## LEĠĠENDA SAGRA

*Ta'* A. CREMONA

(*Jissokta minn "Il-Malti" ta' Marzu*, 1967, *pp.* 12-17)

## *IR-RABA' TAQSIMA*

F'Betlehem
GĦALL-ĦELSIEN TA' TARBIJA

*KOMMENTARJU NARRATIV — Introduzzjoni għall-Ħames Kwadru:—*

Hekk bħal bastiment fuq il-mewġ tal-baħar, riekeb jitbandal 'l hawn u 'l hinn fuq dahar il-ġmiel, tarah issa l'l dak l-imsejken ta' Maġjan jaqsam ix-xagħri, iħares 'l hawn u 'l hinn biex jara jilmaħx lil sħabu li kienu telqu qabel minnghajru. Iżda ebda dell ta' bniedem ma kien jidher għaddej minn fik l-art ta' baħħ. Quddiemu, iżjed il bogħod kienu jidhru te'għin imissu s-sema ktajjen suwed ta' għoljiet, u 'l hawn u 'l hinn braġ ta' ramel li kien donnhom xi oqbra. Bin-nhar ix-xemx kienet tisreġ bil-qilla tagħha kollha fuq dahar Artaban, u fuq dik l-art kollha ramel tikwi taħt saqajh, il-ġemel 'l hawn u 'l hinn kont tarah huwa wkoll iħoss iżjed it-toqol tas-sħana milli t-toqol ta' sidu bit-tagħmira kbira ta' ħwejġu.

. . . . U ma tarax ħlejqa waħda fuq dik l-art niexfa u moxa ħlief kultant xi ġurdien hiereġ imgerrex minn ġewwa xi maħtab maħruq bix-xemx jew xi gremxula li taraha tgħib ġewwa x-xquq ta' xi blata. Mal-lejl xi drib iħuf f'dak il-waħx tisimgħu jinbaħ fil-bogħod, imbagħad warajh il-għajta ta' xi dorbies li kienet iddamdam b'leħen oħxon fl-irdum iswed ta' l-inħawi, fil-waqt li kesħa irqiqa irqiqa li xxoqq il-għadam tħossha tiġri ma' ġismek kollu wara s-sħana ħarxa ta' bin-nhar. Hekk fis-sħana tikwi ta' bin-nhar u fil-kesħa ta' bil-lejl, Artaban l-Maġjan baqa' miexi dejjem 'il quddiem bla ma qata' jiesu.

Hekk kif ħalla x-xagħri warajh u daħal f'Damasku għajnejh strieħu bid-dehra sabiħa ta' ġonna u għelieqi msoqqijin bin-nixxigħat u widien ta' ilma mix-xmajjar ta' Abana u Farpar, ta' wileġ kollha ħdura u siġar tal-ward u frott. — Minn hemm, wara triq twila, nifed taħt il-muntanji ta' Hermon, għadda minn ħdejn il-boskijiet mudlama ta' siġar taċ-ċedru, u l-wied tal-Ġurdan u l-għadira l-kbira tal-Galilija, u l-witat kollha ħdura ta' Esdrelon u l-għoljiet ta' Efraim u fl-aħħarnett l-iġbla tal-Lhudija.

Riekeb dejjem fuq il-ġemel għadda ġranet u ljieli mix-xagħri u minn dawn l-iblijiet, irħula, widien, xmajjar, imsaġar sakemm fl-aħħar wasal fejn tant xtaq jasal; fir-raħal ta' Betlehem fejn stenna li jsib it-Tarbija mħabbra mill-Profeti u li kellha tkun is-Sultan tal-Lhud. Meta wasal, kien it-tielet jum wara li sħabu, it-Tliet Maġi, kienu waslu hemmhekk u sabu lil Marija u lil Ġużeppi fejn iċ-ċkejken Ġesù, u kienu offrewlu għar-rkobbtejhom quddiemu, id-dhebijiet, l-inċens u l-mirra.

Qalbu ttaqtaq, kollu ħrara, Artaban niżel minn fuq il-ġemel, sab għar kenni fejn sata' jħalli l-ġemel sakemm imur jistaqsi u jsib l-imwiegħda Tarbija mibgħuta mis-Sema, liċ-ċkejken Sultan, biex joffrilu għar-rkobbtejh ma' sħabu l-ħaġar prezzjuż li kien ġieb miegħu, ir-rahan ta' ġldu kollu.

## IL-ĦAMES KWADRU

*XENA:— Waħda mit-triqat ta' Betlehem, ħdejn waħda mid-djar fqar li għandha l-bieb miftuħ. Il fuq minnha jidhru għelieqi u siġar li jibqgħu jidhru sfiq lejn il-wilġa ta' għolja b'għerien mad-dahar tagħha u ħitan tas-sejjieħ madwar xi ġonot raba' iħaddar b'xi għarix 'l hawn u 'l hinn.*

*ARTABAN jidher ġej, iħares 'l hawn u 'l hinn.*

ARTABAN: Dan hu r-raħal li qalli bih dak il-Lhudi, u li fuqu tkellmu l-profeti. Fl-aħħar kelli x-xorti nasal fejn għandu jfeġġ qudd'em għajnejja dak id-Dawl kbir li għandu jdawwal id-dinja. Iżda jeħtiġli nistaqsi għalih u għal sħabi, u fuq liema dar mexxiethom dik il-kewkba li dehret ewl il-lejl qabel ma tlaqt minn dari ma' sbieħ il-jum. Hawnhekk baħħ . . . . ma tarax ruħ, ma tisma' lil ħadd; ir-raħħala dal-ħin marru jiġbru l-imrieħel tagħhom.

*ARTABAN f'daqqa waħda jieqaf jissamma' leħen ta' mara li qiegħda tbennen lit-tarbija, ħiereġ mill-bieb tad-dwejra.*

*LEĦEN ta' mara tgħanni lit-tarbija biex torqod:* Naam . . . . naam . . . naam . . . Orqod, ibni, orqod . . . naam . . . naam. . .

ARTABAN: Qiegħda traqqad it-tarbija . . . (*Skiet*) *ARTABAN iħabbat kemm kemm bil-ħatar fuq il-bieba.*

MARA: (*Minn ġewwa, b'leħen mitfi*) Naam . . . naam . . . naam . . . (*Skiet . . . wara ftit tfeġġ fuq il-għatba tal-bieb*).

ARTABAN: Nista' nitolbok tgħidli fejn insib dik it-tarbija li twieldet m'ilux . . . Ġejt naraha mill-bogħod il bogħod . . . min-naħa ta' lil hinn minn Babel . . . lil hinn mill-Iġbla ta' Żagros. Jien Medjan, mill-belt ta' Ekbatana . . . Tarani għajjien wara triq hekk twila . . . għaddejt mix-xagħri fuq il-ġemel . . . triq ta' għaxart ijiem. Tista' taħseb ix-xewqa kbira tiegħi li nara dit-tarbija li bagħtilna Alla ta' Mosè biex tkun is-Sultan tal-Lhudija. Jisgħobbini qajjimtek minn fejn it-tarbija li kont traqqad.

MARA: Xejn, ja raġel, oqgħod strieħ fuq din il-ġebla (*turih ġebla ħdejn il-bieb*) . . . inti tidher għajjien . . . wara triq hekk twila.

ARTABAN: Għajjien . . . sewwa qed tgħid . . . imma l-għeja tiegħi m'iniex inħossha daqskemm issa inħossni ferħan li wasalt fejn twieldet dik it-tarbija li semmejtlek.

MARA: Dik it-tarbija, jaħasra, aħna morna wkoll narawha u ħadnielha ħwejjeġ tas-suf tan-ngħaġ biex titgħatta . . . 'l ommha u 'l missierha ħadnielhom ukoll il-ħalib tan-ngħaġ. Xi ħlewwa ta' tarbija !

ARTABAN: (*Iqum f'daqqa*) Fejn, fejn . . . urini fejn . . . immur issa stess naraha, għalkemm inħossni bil-għatx, u għadni ma trejjaqtx minn xi jumejn; l-ikel temmejtu, iltqajt ma' min kien bil-ġuħ u tajtu nofsu . . .

MARA: Ħallini immur inġiblek l-ilma, u nġiblek ukoll biex titrejjaq. Għadni kif tbaħt il-fatra għar-raġel li qed nistennieh ġej bil-merħla (*tidħol fid-dwejra*).

ARTABAN: Mara tassew twajba! Mara tal-ħniena! Is-Sema jieqaf magħha.

MARA: (*Toħroġ bil-bomblu tal-ilma u bieqja bit-tisjir. Tnewwilhom lil ARTABAN*). Ħu ixrob, ja barrani, u oftor biex titrejjaq.

ARTABAN: (*fil-waqt li jieħu minn idejn il-MARA*) Int tassew mara tal-ħniena u Alla jroddhulek ta' kulma għamilt mal-barrani. Issa, għidli, għax qiegħed fuq ix-xwiek biex inkun naf dik it-tarbija li semmejtlek fejn nista' nsibha, u fejn iktarx nista' wkoll niltaqa' ma' xi tlieta oħra bħali li ġew iżuru t-tarbija.

MARA: Tlitt ijiem ilu ġew tlieta oħra bħalek barranin min-naħa ta' lil hinn mill-Galilija, u naħseb wisq iżjed il-bogħod, u ġew bħalek rikbin fuq l-iġmla. Kif igħidu, mexxiethom kewkba bix-xuxa għal fuq il-għar fejn twieldet dik it-tarbija. Kif igħidu wkoll, dawn il-barranin qagħdu għar-rkobbtejhom quddiem dik it-tarbija u tawha għotjiet ta' bosta ġid bħal dawk il-ħwejjeġ għeżież li jagħtu lis-slaten.

ARTABAN: U issa fejn marru dawk it-tlieta minn nies barranin?

MARA: Telqu minnufih wara li raw u qiemu lit-tarbija. Aħna tħassibna b'din iż-żjara tagħhom. Ma stajniex nifhmuha din il-miġja tagħhom.

ARTABAN: U fejn hu l-għar fejn hemm dik it-tarbija?

MARA: (*Turi b'subgħajha*) Hemm wara dawk l-għerejjex ta' tarf ir-raba' qabel taqbad il-wilġa ta' dik l-għolja. Iżda t-tarbija m'għadhiex hemm, ja barrani.

ARTABAN: Mhix hemm? — Fejn ħaduha?

MARA: (*B'leħen ħiemed f'widnejn ARTABAN*) Il-missier u l-omm, lejla waħda, kif smajthom igħidu, telqu bit-tarbija bil-moħbi lejn it-triq li tieħu għall-art ta' l-Eġittu. Minn mindu telqu dawk in-nies hekk twajba, hawnhekk waqa' bħal waħx. F'dan ir-raħal m'hawnx ħlief dwejjaq, il-ħajja tbiddlet; mill-lum għal għada nistennew xi għawġ, xi saħta fuqna. Igħidu li s-suldati tas-Sultan ġejjin minn Ġerusalemm biex igħabbuna b'xi ħaraġ aħrax, u xi raħħala telqu bil-merħliet tagħhom qalb il-għoljiet biex jinħbew u jeħilsu mill-ħaraġ.

ARTABAN: Hekk kellu jkun. Ħu kollox bis-sabar bħalma nieħu

jien, ja mara twajba. Ili li tlaqt mal-għoxrin jum minn Ekbatana; kelli niltaqa' ma' sħabi, u dawn telqu mingħajri għax iddawwart fuq triqti biex ngħin u ndur bi bniedem li kien sa jmut bit-tbatijiet ta' għaks u ġuħ. Ix-xewqa tiegħi li nara wiċċ it-tarbija mibgħuta mis-Sema biex issaltan fuq Iżrael u ġġib issliem u barka tas-Sema ma kellhiex titwettaq. Issa din it-tarbija telqet u jien għad irrid nimxi min jaf kemm biex forsi jkolli x-xorti nara 'l wiċċha u nwettaq ix-xewqa u l-wegħda tiegħi.

*Barra t-triq kemm xejn il bogħod jinstemgħu għajat u twerżiq, ħsejjes ta' saqajn, taħbit ta' xwabel u daqq ta' trombi.*

*Għajat ta'* NISA: Is-suldati tas-sultan qegħdin joqtluna t-trabi. Ejjew, għinuna.
Ejjew, aqbżu għalina . . . Ikollkom ħniena . . . Ħatfulna t-trabi minn idejna . . . Jaħasra . . . għaliex . . . għaliex? . . . uliedna... bla ħtija . . . kiefra, ja kiefra . . .

MARA: X'waħda din! Is-suldati! Le mhux għal ħaraġ ġew . . . ġew biex joqtlu 'l uliedna . . . aħbini . .. eħlisni . . . Sa mmur inġib it-tarbija . . . aħbihieli x'imkien ieħor.

ARTABAN: Tibża' xejn . . . ħalliha f'idejja . . . mur ġibha malajr...

MARA: (*Tidħol b'ġirja. ARTABAN jibqa' jissamma'. Il-MARA ġġib it-tarbija f'ħoġorha. Fil-waqt li sa terħiha f'idejn ARTABAN, l-għajat, iċ-ċaqċiq tax-xwabel u ż-żarżir tat-trombi jinstamgħu fil-qrib*).

ARTABAN: Is-suldati għoddhom waslu fuqna. Mur daħħal din it-tarbija u ħalliha rieqda li ma tqumx u jisimgħu leħinha. Xejn la tibża'. Nilqagħhom jien. Hawn ġew ma jidħlux. Qis li ma issammax leħnek, ja mara.

MARA: (*Tidħol tiġri ġewwa kollha mbażżgħa*).

ARTABAN: (*Joqgħod wieqaf quddiem il-bieb bit-turbant abjad ta' rasu jmiss mal-blata tal-bieba u b'idejh miftuħin beraħ*).

*ĊENTURJUN bix-xabla misluta f'idu, b'suldati warajh bi xwabel f'idejhom imċappsin bid-demm jaslu quddiem il-bieb. Jkunu sa jinxeħtu fuq ARTABAN u jwarrbuh biex jidħlu. ARTABAN wiċċu lejn is-sema, b'għajnejh ileqqu, b'idejh miftuħa t-tnejn iraġġa' lura liċ-ĊENTURJUN u lis-suldati li jieqfu b'ħasda kbira bħal miżmumin minn xi seħer.*

ARTABAN: (*B'leħen għoli u sod*) Jiena waħdi f'din id-dwejra, u qed nistenna biex nagħti din il-ġawhra lil dak il-għaqli ta' ċen-

turjun li jħallini hawnhekk fis-sliema tad-dwejra tiegħi.
(*Juri bejn subgħajh ta' idu l-leminija r-rubin ileqq bħal qatra ta' demm*).

ĊENTURJUN: (*B'għajnejh imberrqin, mistagħġeb iħares lejn ir-rubin u bi tbissima ta' rgħiba kbira imidd idu l-waħda u jaħtaf ir-rubin. B'għajta lejn is-suldati*).
Ibqgħu sejrin. Hawnhekk m'hawnx trabi. Din id-dar battala.

(*Iċ-ĊENTURJUN u s-SULDATI jitilqu, fil-waqt li jibqgħu jinstemgħu l-ħsejjes, l-għajat u ċ-ċaqċiq tax-xwabel u d-daqq tat-trombi li bil-mod il-mod jintfew*).

ARTABAN: (*Bil-ħarsa lejn is-sema u idejh mgħollija 'l fuq*) Alla talħniena. Aħfirli d-dnub li għamilt! Minn fommi ħarġet kelma b'oħra sabiex neħles il-ħajja ta' tarbija. U tnejn mill-ġawhar li kienu għalik, ja Sultan tas-Sema u l-Art, jiena tajthom lil ħaddieħor. Jiena tajt lil bniedem dak li kien maħsub għalik. Ikun qatt li jisthoqqli li nara wiċċ is-Sultan?

## GĦELUQ IL-ĦAMES KWADRU

## *IL-ĦAMES TAQSIMA*

Fl-Eġittu

### ARTABAN JFITTEX IL-MESSIJA FL-EĠITTU

*KOMMENTARJU NARRATIV:—*

Artaban issokta triqtu lejn l-Eġittu fejn wasal wara bosta ġranet. Hemmhekk tħallat ma' kotra ta' nies, ifittex kullimkien u jistaħreġ l-irkejjen kollha tal-belt u rħula ta' dik l-art bit-tama li jiltaqa' ma' dik il-familja ċkejkna u fqajra, ir-raġel u mara bit-tarbija tagħhom li telqu minn Betlehem. Nistħajluh li hu waqaf kemm-il darba għad-dell tal-piramdi l-kbar li tarahom jerfgħu rjushom u jindfu d-dija ħamranija tas-sema f'inżul ix-xemx — monumenti sħaħ ta' glorja li tmut, iżda ta' tama li ma tmut qatt. Nistħajluh li hu waqaf iħares quddiem il-wiċċ kbir u ċass ta' l-Isfinġi bil-qiegħda kobba, għalxejn ifittex li jaqra t-tifsira ta' dawk l-għajnejn ġwejdin tagħha u t-tbissima ta' fommha. Kienet dik it-tbissima tagħha xi daħka, xi gidba, xi mossa qarrieqa ta' xi xarada li ma għandha ebda tweġiba? — Jew f'dik it-tbissima kien hemm xi ħjiel ta' ħniena, xi tama, xi wegħda li wkoll dawk li tilfu f'xi ġlieda tal-ħajja għandhom jirbħu, u li dawk li tqarrqu f'xortihom għandhom isibu min jippremjahom, u dawk li huma dgħajfin minn moħħom isiru għorrief u dawk li huma għomja jibdew jaraw, u dawk li jiġġerrew 'l hawn u 'l hinn u ma għandhomx fejn jiskennu fl-aħħar isibu saqaf ta' kenn li jilqagħhom.

Artaban nistħajluh ukoll diehel ġewwa dwejra f'rokna ta' triq imwarrba f'Lixandra fejn mar jieħu parir minn għand xi Rabbi Lhudi. Dak ix-xwejjaħ

ta' Lhudi, mgħawweġ fuq romblu tal-parċmina fejn kien hemm miktubin il-profezîji ta' Iżrael, narawh jaqra b'leħen għoli l-kliem ta' ħasra li kienu jħabbru t-tbatijiet tal-imwiegħed Messija — l-imżeblaħ u mċaħħad mill-bnedmin. — "Ftakar, ibni", nisthajjiluh jgħidlu r-Rabbi, bil-ħofor ta' għajnejh imwaħħlin fuq wiċċ Artaban — "is-Sultan li qed tfittex ma ssibux f'xi palazz, u lanqas fost il-għonja, jew fost is-setgħanin. Il-għaliex ebda wild ta' Abraham ma' jarġa' jħabbatha mas-setgħa li Ġużeppi kellu fil-palazzi tal-Eġittu, jew iħabbatha mal-kobor ta' Salamun li qiegħed fuq it-tron bejn il-ljuni ta' Ġerusalemm".

"Iżda d-dawl li d-dinja qed tistenna huwa dawl ġdid, il-glorja li għandha titnissel mit-tbatijiet ta' sabar u rebħ. Is-saltna li għandha titwaqqaf għal dejjem hija saltna ġdida, is-saltna ta' mħabba sħiħa, saltna li ma tingħaleb minn ħadd".

"Jien ma nafx kif dan sa jiġri u lanqas ma naf kif is-slaten u n-nies tad-dinja sejrin jilqgħu dan il-Messija u jagħtuh dik il-qima li jistħoqqlu. Naf biss li dawk li qed ifittxuh jagħmlu sewwa jekk imorru jfittxuh u jsibuh qalb il-fqar u l-maħqurin".

Għalhekk lil Artaban issa tibda tarah jiġġerra 'l hawn u 'l hinn minn belt għal oħra jfittex qalb in-nies imxerrda tal-Lhudija li magħhom il-familja ċkejkna ta' Betlehem setgħet tinsab, tistkenn ġewwa xi gorboġ jew għarix. Hu għadda minn artijiet fejn kien hemm jaħkem il-ġuħ, u n-nies kienu qed jittalbu l-ħobż għal għaxja ta' lejla. Huwa mar igħammar f'ibliet maħkuma bil-mard tal-pesta fejn il-morda kienu qed jinxtu biż-żliega tal-mewt f'għajnejhom: bla għajnuna fl-ikbar għaks. Hu żar il-maħqurin u l-imdejqin priġunieri li jgħixu fl-għerien mudlama ta' taħt l-art u s-swieq ta' l-irsiera msejkna u 'l dawk il-qaddiefa tax-xwieni taħt il-frosta tal-argużini. Qalb il-kotra mwiegħra tad-dinja, għalkemm ma sab ebda ħaġa xi jgħożż u jqim, hu sab bosta nies li sata' jgħinhom. Huwa tama' lil nies bil-ġuħ, libbes lil min kien għeri u dewwa lil morda u sabbar u farraġ lill-irsiera, u s-snin għaddejjin iżjed minn dak il-kurrent tal-ilma ta' wied dejjem għaddej bla ma jsib ebda tarf.

Hu deher fl-aħħar nifsu maqtugħ għalkollox, ġismu beda jħoss il-għeja ta' ġiri 'l hawn u 'l hinn u staħriġ bla hedu, iżda x-xewqa li jibqa' jfittex u jiltaqa' ma' dak li kien ilu jfittex qatt ma naqset minn qalbu li dejjem tħabbat b'dik il-ħeġġa li kien ħass issa mill-bidu li telaq minn daru.

Iżda darba waħda deher waħdu wieqaf għal ftit fi tlugħ ix-xemx jistenna fil-bieb ta' ħabs. Hu kien qala' mill-moħba ta' ħżiemu l-ġawhra li kien baqagħlu biex biha jifdi lil xi ħadd li ħaseb sa jsibu hemm ġew magħluq bla ħtija. Dik il-ġawhra kienet l-aħħar ħlas għall-fidwa ta' bniedem li hu ħolom bih il-lejl ta' qabel . . . imma għalxejn . . . dak il-bniedem ma kienx hemm. Dik il-ġawhra baqa' jħares lejha, u deherlu li ralha bħal dija wisq isbaħ milli kellha qabel. Kienet tiddi b'dija mżewqa ta' dawl lewn ikħal u roża. Dawk ilwien f'dik il-ġawhra issa dehru mixrubin minn dawk taż-żaffir u tar-rubin li hu kien iċċaħħad minnhom biex bihom ħallas għall-għajnuna u ħelsien ta' bnedmin bħalu. Iktar ma damet għandu dik il-ġawhra, li issa fadallu mit-tliet teżori li kellu għaċ-ċkejken Sultan ta' Iżrael, iktar kien qed jaraha tleqq u tisbieħ. Dik il-ġawhra f'qiegħ ħżiemu huwa jibqa' jżommha tħoss is-sħana ta' dik il-qalb ħanina tħabbat, tħabbat dejjem bix-xewqa li fl-aħħar jara dak il-wiċċ li issa kien ilu s-snin jfittex u jara qabel jagħlaq għajnejh għad-dawl tax-xemx ta' din id-dinja.

(*Jissokta*)

# ID-DMIR

ĊAJTA ta' *ALBERT M. CASSOLA*

Ittra uffiċjali, xotta: inti mitlub li tiġi f'dan l-Uffiċċju eċċetra, eċċetra, nhar il-Ħamis, 22 ta' Diċembru, ħalli tagħti xi tagħrif meħtieġ eċċetra, eċċetra. Kien mitlub ukoll jieħu miegħu l-kotba kollha tal-bank.

Fit-22 ta' Diċembru sew, tlitt ijiem qabel il-Milied. U fit-22 ta' Diċembru kien l-Uffiċċju.

Laqgħu messaġġier bl-ikbar ħlewwa, tant li kont tgħid li xi darba kiel il-kirxa miegħu: "Is-Sur Qasha?"

"Kollni kemm jien. Jekk jogħġbok ġejt inkellem lis-Sur Mejlaq. Għandi din l-ittra tiegħu."

"Ittra... Invit, invit insejħulu hawnhekk. Stedina biex tikxef daqsxejn għawarek."

"Lest nikxef kollox, kif għandu jkun."

"Iva, iva. Itla' fuq, itla', inwasslek jien."

"Grazzi."

Is-sur Qasha dar biex jixref l-ewwel waħda minn tmenin tarġa għolja.

"Le, le, mhux minn hemm. Hawn il-lift."

"Grazzi, grazzi, tant aħjar għax, skużi, inbati bil-kalliĝjiet."

"Ersaq, mela, ersaq lil hemm li ma mmurx nirfishomlok. Kieku għedtilna, jaħasra," qallu l-messaġġier qisu l-kap tal-post, "konna niġuk id-dar aħna."

Is-sur Qasha għammex għajnejh bit-tlellix tal-buttuni tar-ram ta' l-uniformi tal-messaġġier u wieġeb: "Persważ. Imma jkollkom ħafna x'tagħmlu, ma ridtx nitilfilkom iż-żmien. Jien għandi żmien x'nitlef kemm irrid; anzi ż-żmien li għandi mhux qiegħed ħlief biex nitilfu."

Il-messaġġier ma kienx jaf jitbissimx jew le. Sadattant il-lift wasal u s-Sur Qasha daħal għand is-Sur Mejlaq. Dana ma laħaqx rah li ma qamx bħal molla minn fuq il-pultruna u laqgħu bil-qalb kollha u ħadlu b'idejh it-tnejn donnu ma kien bi ħsiebu joħodlu xejn iżjed. Kien jonqsu jgħannqu u jbusu. Malli sama' li s-sur Qasha kellu l-inkonvenjent tal-kalliĝjiet (skużi dejjem), newwillu l-pultruna li kien qiegħed fuqha hu u għalih, is-sur Mejlaq, żamm is-siġġu ftit u xejn sgangrat li soltu jilqa' n-nies fuqu. Imbagħad ġieblu mħadda għal wara dahru u oħra għal taħt saqajh; anzi staqsieh riedx iżjed, donnu dak l-uffiċċju kien xi dormitorju.

"Le, le, għax inħammiġha biż-żarbun l-imħadda," qallu s-sur

Qasha li, barra kollox, induna li jekk hu kellu l-iskuži kallijiet f'riġlejh, dik l-imħadda, imqar jekk bla riġlejn, ma kinitx nieqsa millkallu (skuži bilħaqq).

"B'daqshekk?" fisser is-sur Mejlaq, "L-aqwa li toqgħod komdu. Tridx oħra iżjed ratba?"

"X'jiġifieri, sur Mejlaq, ma tarax?..." Iżda s-sur Mejlaq għenu jqiegħed riġlejh sew fuq l-imħadda, tbissimlu u staqsieh: "X'għandek bżonn, Mister Qasha?"

"Jien xejn," wieġeb dan, "ġejt nara fix nista' naqdi lilek. Hux din il-firma tiegħek?"

"Iva, Mister Qasha. Skużani, taf, imma dmir, dmir tiegħi li jkolli nagħmlu ma' kulħadd."

"Ma jistax jonqos. Bħalma huwa dmir, anzi pjaċir tiegħi, nikkontribwixxi lejn il-Gvern, lejn il-pajjiż. Hux għalhekk ridtni? Hemm min ta ħajtu għall-patrija, x'fiha billi jiena nagħti ftit eluf?"

"X'inti tgħid eluf? Le, le, sur Qasha. Lanqas miljet. Aħna nirrangaw. Illum is-sengħa tiegħek m'għadha ġġib xejn..."

"Is-sengħa tiegħi fl-aqwa tagħha. Dal-mument id-daqqa tagħna. Hawn, ara għall-affari tiegħek. Ifli sewwa l-kotba tal-bank. Aqra l-kontijiet li nibgħat. Għodd kemm eluf f'sena waħda. Tħabbel rasek xejn. Anzi stenna, qed nara li f'dik il-kolonna hemm zero nieqes. Ma nafx kif jiena ħadt żball. Dawk mhux 10,000 iridu jiġu, imma 100,000. Mela x'inhu: mitt elf lira. U dak għadu mhu xejn."

"Sur Qasha, nibża' li tassew qed tieħu żball, imma mhux għax għandek zero inqas, iżda zero iżjed. Trid tnaqqas zero: mhux 10,000 imma 1000 elf lira. Biċċa art illum x'tista' ġġib?"

"Iġġib ingħid, sur Mejlaq. Għandekx xi ħaġa int li trid tbigħha?"

Is-sur Mejlaq ikkonfonda: "Le, le," laqlaq, "jien is-salarju kulma għandi." U gidem xofftejh. Imbagħad issokta: "Insomma, sur Qasha, jiena żgur li ma stajtx tbigħ biċċa art 100,000 lira."

"Mhux hekk, kelli biċċa oħra, ftit 'il bogħod minn dik imma tagħti għall-baħar, ġibitli fuq it-300,000. Avolja ħdejn l-oħra ċkejkna, daqshekk marret. Imma sa jibnu lukanda fuqha, lukanda żul minn hemm... Hawn, ara l-irċevuta."

"Sur Qasha, skużani taf, imma biss biss trid tneħħi tal-bolol, tnaqqas tal-kuntratt..."

"U mur. Sa noqgħod inħabbtek tagħmel is-somom. Elf lil hawn, elf lil hemm... Jiddispjaċini li ma nistax noffrilek xi mitt lira x'tixrob, għax naf li int impjegat u, ma nifhimx għaliex, ma jħallukom taċċettaw xejn... Imma xi ħaġa tixraqlek... Imqar ponċ tar-rum għall-bard."

"Għadni kemm ħadt it-te. U *heater*, kif tara, għandi wkoll.

Grazzi l-istess. Imma ħalli nsejjaħ 'il-messaġġier ħalli jġib xi ħaġa lilek."

"Mhux għalija, grazzi. Issa ma nieħu xejn qabel nofs in-nhar."

"Imqar żewġ pastizzi u te mingħand ta' taħtna."

"Le, le, sur Mejlaq. Anzi ħalli niġu għall-business. Mela hawn: dawk il-kotba tal-bank, dan ir-reġistru tiegħi. Dak it-total ta' sena. Qligħ ta' tliet kwarti ta' miljun, barra 50,000 lira interessi. Għodd għal affarijiet u ara hux sew. Bilħaqq, lanqas kont niżżilthom: hemm xi tlitt elef oħra ta' mezzanin li ridt neħles minnu. Harjġli minn rasi. Jimporta żżidu daqsxejn? Ħa l-lapes."

"Grazzi, għandi l-pinna. Imma mhux hekk, sur Qasha. Inti qed turini dan ir-reġistru. M'għandekx xi ieħor?... Ngħidu aħna xi ieħor, taf inti, fejn l-eluf jidħru bħala mijet u l-mijiet bħala għaxriet?... Ħares, bejnietna, kulħadd hekk jagħmel."

"L-affarijiet ta' ħaddieħor ma jimpurtanix minnhom. Jien rajt ma rajtx, smajt ma smajtx. Qed niftakar ukoll. Kont irbaħt 20,000 lira u tliet mija oħra l-Casino. Dawk jidħlu?"

"Li rbaħt ma jgħoddx... U lanqas li tlift..."

"Li tirbaħ *free*... Iss! Ma nafx għaliex. Mhux flus li jkunu daħlu dawk? Insomma, inti tista' tniżżilhom għalija. Jiena nħallas irrid. Nieħu pjaċir. Dmir tiegħi."

"Fuq li rbaħt xejn, sur Qasha. Aħna mhux qegħdin biex inqaxxru n-nies."

"Fhimtek, fhimtek. Qalbek rajtha. Hekk imorru l-affarijiet. Inti tfittex li tnaqqasli u jiena nara li nistqarrilek sa l-inqas sold. Dak huwa l-ispirtu li għandu jkun hemm bejn l-assessur u l-kontribwent."

Is-sur Mejlaq tbissem bil-ħlewwa.

"Jekk issibli xi żball, sur Mejlaq, ma jkunx ġej minni. Waħħalni l-multa u ara li ma jnaqqsulix ħabba."

"Multa, multa. Dak jonqos ukoll. Galantom bħalek."

"Galantom int, sur Mejlaq. Jien qed nagħmel biss id-dover ta' ċittadin. Għandi nħallas, inħallas. Nifhem li int ma tridx tagħfasni u nżżikħajr minn qalbi, imma d-dover dover..."

"Jien hekk ma' kulħadd, sur Qasha. Is-sold nibżagħlu għalih dak li jkun. Għax naf kemm għaraq tad-demm biex taqilgħu."

"Sewwa. Issa għidli xi rrid inħallas ħalli nagħtik ċekk."

"M'hemmx għaġla. Dak imbagħad nibagħtulek il-kont bil-mod. Ħallsu bin-nifs, taf. Lira tnejn kultant, kif ifettillek. Mhux sa niġru warajk."

"Le, kollox f'daqqa. Jiena li għandi nirħan, inbigħu."

"Għallinqas, sur Mejlaq, għidli tħallasx xi ċnus, għandekx xi spejjeż tat-tobba, ħalli nnaqqaslek li nista'... M'intix tbati b'riġlejk, hux tassew?"

"Le, grazzi, qiegħed komdu ħafna."

"Konna qed ngħidu għandekx xi ċnus, xi mediċini, xi tobba..."

"Ċnus xi nħallas għandi kieku, imma erħilhom. Tobba, insomma, il-kiropodista. Imma ħallina minn dan. Agħmilli l-kont u ibgħathuli, *please*."

"Hemm żmien, hemm żmien, *thank you*."

"Għandi pjaċir mill-konoxxenza, sur Mejlaq."

"Tant ieħor, sur Qasha. *Sorry* li qgħadt inġibek hawn. Attent, ara ma twaġġax riġlejk. Ħalli ngħinek tqum."

"M'hemmx għalfejn, grazzi. Inqum waħdi."

"Ħalli nwasslek s'isfel."

"Tiċċaqlaq xejn."

Is-sur Mejlaq qam u mar jagħfas il-buttun biex itella' l-lift: "Żgur m'hemmx għalfejn inwasslek s'isfel, sur Qasha?"

"Grazzi l-istess. Għan-niżla kull qaddis igħin. Imbagħad bil-lift."

"Bilħaqq, il-kotba tal-bank ħadthom, sur Qasha, u l-karti tiegħek?"

"Żommhom kemm hemm bżonn, taf."

"Le, le. Jiena innutajt li kelli ninnota."

"Iva? Lanqas rajtek."

"Iva, iva, sur Qasha, waqt li konna nitħaddtu. Formalità. Illum għandna prattika kbira."

"Mela grazzi mill-ġdid u l-Milied it-tajjeb."

"Lilek ukoll. U lill-familja kollha."

"Mela l-familja tiegħi tafha, sur Mejlaq?"

"Le, le, m'għandix il-pjaċir. Imma xorta nixtiqilha kull ġid..."

Is-sur Qasha għalaq il-bieba tal-lift, għafas il-buttun ħalli jinżel.

Skoss qawwi u s-sur Qasha qam b'sabta mis-sodda.

Ħolma bħal dik kien għadu qatt ma ħolomha.

---

## EPITAFFJU GĦALIJA

Jekk tafni xxandarx ismi. Idfnu miegħi.
Jekk ma tafnix tistaqsi fuqi 'l ħadd.
Kun af: Jien twelidt biss ħa nħobb u ngħanni
u għext għax wegħ'dni Hu li ma mmut qatt.

OLIVER FRIGGIERI

# RICCARDA BORG FERNANDEZ

*Ta'* ANTON AGIUS MUSCAT

L-isem ta' Riccarda Borg Fernandez issa mhux ġdid għall-qarrejja ta' IL-MALTI. Fl-1965 fi IL-MALTI pp 104-112 kienu dehru kelmtejn ġmielhom tiegħi dwarha, kif ukoll fil-gazzetta ta' nhar ta' Ħadd, IT-TORĊA, fil-Paġna Letterarja, tat-30 ta' Jannar 1966, kont ktibt kelmtejn dwarha, barra li għażilt żewġ poeżiji qsar kif ukoll ritratt tagħha.



Is-Sinjura Riccarda llum daħlet fid-Disgħin. Is-snin gerbu u għaddew minn dak il-jum li fih twieldet tarbija li semmewha Riccarda lil Pio Bonnici u Emmanuela mwielda Fernandez. Fl-1912 iżżewġet mal-Prokuratur Legali Giuseppe Borg Pantalleresco, illi kemm fi IL-MALTI, kif ukoll f'kotba dehru poeżiji u kitbiet oħra letterarji tiegħu.

Is-Sinjura Riccarda Borg Fernandez hi Membba fil-Għaqda Letterarja Maltija, u dil-għaqda ħasset li jkun xieraq turi l-ferħ tagħha għal dal-għomor sabiħ tagħha. Kif għarrafni l-ħabib tagħna u Membru Akkademiku s-Sur Ġorġ Stevens, il-Għaqda Letterarja Maltija waqqfet Kummissjoni magħmula mis-sinjuri Kelinu Cachia u John Sciberras, barra minnu, sabiex iħejju festin. Dal-festin għamluh fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana, nhar it-12 ta' April 1967. Wara li l-President tal-Għ.L.M. għamel Kelmtejn, ħu ippreżenta lis-sinjura Riccarda rigal, kif ukoll it-tifla tas-Sur J.C. Friggieri, il-President tal-Għ.L.M., tatha bukkett ward. Is-sinjuri J. Sciberras u G. Stevens qraw poeżiji tas-sinjura Riccarda. Is-Sinjura Emma Grech Cremona raddet ħajr f'isem il-Mistiedna. L-imseħbin ħbieb daru magħha, xtaqulha r-riżq u tkattir il-għomor.

Waqt li naghtuha x-Xewqat Sbieħ, naħseb xieraq li minn dik id-damma poeżiji li ġbart u qrajt fil-programm IL-ĠABRA LETTERARJA, li jinstama' darba fil-ġimgħa minn fuq *Ir-Rediffusion*, nagħżel waħda llum li naf hi għal qalb is-sinjura Riccarda Borg Fernandez, u li jisimha: Il-Fjur Tiegħi.

## IL-FJUR TIEGĦI

*Ta'* RICCARDA BORG FERNANDEZ

F'rokna mwarrba tal-ġnien tiegħi
Dal-għodu fetaħli fjur.
Nibet waħdu, f'rokna mwarrba,
Il-fjur jismu tad-Dulur!

Kemm iniggeż ix-xewk tiegħu!
Żgur bid-demm jaħsel idejh,
Min jiftillu dal-fjur jaqta'.
Għalhekk ħadd ma jersaq lejh.

Il-fwieħa tiegħu kemm togħġobni!
Spiss inżuru bħal ħabib!
Hu jagħtini qawwa ġdida:
Biex niflaħ narfa' s-salib!

Jekk xewqat ta' ħbieb imbiegħda,
Jaqsmu qalbi bid-dulur,
Ninżel niġri fil-ġnien tiegħi,
Parir nieħu minn dal-fjur!

Sabiex nimxi hu jħajjarni,
Fit-triq tajba tal-virtù!
U biex naqtgħu spiss jitlobni,
U npoġġih f'riġlejn Ġesù!

O Ġesù, Sultan ta' qalbi,
Hu dal-fjur tad-dmugħ u s-sabar!
Xi ħabib, forsi jpoġġili,
Wieħed bħalu fuq il-qabar!

---

*FRAK*

## IL-ĠENJU

Pittura, drammi, opri u poeżija:
fuq kollox igħid li jaf is-sur Ċensin;
għalhekk iħarbex — minn għalih li ġenju —
xi dramm li tajjeb biss għal teatrin.

*Vic Apap*

# ISMIJIET TA' DWIELI U GĦENEB

(*Jissokta ma' dak li deher fil-ħarġa ta' "Il-Malti" ta'*

*Marzu*, 1967, *faċċ*, 22)

*Ta' A.C.*

59. *MIĠNUNA SEWDA* — Għeneb tajjeb għall-ikel.
60. *MIĠNUNA TAL-PELLEGRIN JEW TAL-BOZOZ* — Għeneb tajjeb għall-ikel.
61. *MIĠNUNA TAWWALIJA TAL-KANNIZZATI* — Għeneb tajjeb għall-ikel.
62. *MUSKATELL TA' L-ITALJA* — Għeneb tajjeb għall-ikel u għall-għesir tal-inbid. Siġra ġdida.
63. *MUSKATELL TA' L-ILMA ŻAHAR* — Għeneb tajjeb għall-ikel u għesir.
64. *MUSKATELL ISWED* — Għeneb tajjeb għall-ikel u għall-għesir.
65. *MUSKATELL ISWED TA' AMBURGU* — Għeneb tajjeb għall-ikel. Tnisslet fl-1900.
66. *MUSKATELL ROŻA JEW MUSKATELL AĦMAR* — Għeneb tajjeb għall-ikel
67. *MUSKATELLUN ISWED* — Għeneb tajjeb ferm għall-ikel u għesir
68. *MUSKATELL ISWED TAL-GĦASSARI* — Għeneb tajjeb għall-ikel u għesir.
69. *MUSKATELL TAL-GĦASAFAR* — Siġra qadima. Il-frott aktarx jittiekel mill-għasafar. Ma tantx titfittex, la għall-ikel u lanqas għall-għesir.
70. *MUSKATELL TAN-NEBBIET* — Għeneb tajjeb għall-għesir.
71. *NEBBIETA TA' WIED ĦASRUN* — Tnisslet l-ewwel darba f'Wied Ħasrun ħdejn l-Imtaħleb. Għeneb tajjeb għall-ikel.
72. *NIGRU GROSS* — Għeneb tajjeb għall-ikel u għesir.
73. *NIGRU GROSS SEKOND* — Mhux mill-aħjar għall-għesir.
74. *NIGRUWA* — Iktarx l-aktar ikkultivata f'Għawdex. Għeneb tajjeb għall-ikel iżda mhux wisq għall-għesir.
75. *NUĊELLATA* — Dari fuq il-kannizzati. Għeneb tajjeb għall-ikel.
76. *NUĊELLATA ĦOXNA JEW ŻAQQ IN-NAGĦĠA ĦADRA* — Għeneb tajjeb għall-ikel. Iżjed użat għall-għesir.
77. *PASSULINA JEW PASSULINA SEWDA* — (Żbib iswed). Saret rari. Tajba għall-ikel, ukoll għall-għesir.

(*Jissokta*)

# ITTRI TAL-PROF. E. SUTCLIFFE, S.J.

*Ta'* NIKOL BIANCARDI

Ma' tul ħajtu l-bniedem jirċievi ittri li jitqattgħu wara li jinqraw; oħrajn li jinżammu għal ftit żmien imbagħad isibu ruħhom fil-qoffa tal-karti; u oħrajn, għeżież u tal-qalb, li jinżammu u jintrefgħu salmewt. Fost dawn għandi ħames ittri mibgħutin lili 33 sena ilu mill-Professur Edmund F. Sutcliffe, S.J., l-Awtur ta' "A Grammar of the Maltese Language", grammatika famuża li, jekk ma niżbaljax, għadha sal-lum tiġi studjata fl-Università Rjali ta' Malta.

Il-Professur Sutcliffe miet fl-1963, fil-għomor ta' 77 sena, f'Heythrop, Oxford, Ingilterra. Huwa kien Professur tal-Lhudi u tat-Testment il-Qadim u kellu fuq ismu xogħlijiet ta' studju kbir. Kien Membru-Korrispondent tal-Għaqda tal-Kittieba u ħabib kbir tal-Malti. Kien minħabba f'hekk li ġieh il-ħsieb li jikteb il-famuża grammatika tiegħu.

* * *

Billi ried jagħti xi xempji ta' kitba Maltija fil-ktieb tiegħu, Sutcliffe għażel xi ftit proża u xi ftit poeżijiet. L-ewwel ittra tiegħu lili kienet din:—

Heythrop College,<br>Chipping Norton,<br>Oxon.<br>Id-29 ta' Ġunju, 1934.

Għażiż Sur Biancardi,

Ktibt Grammatika Maltija; u nixtieq nagħti lill-qarrejja xi poeżijiet sbieħ. Għalhekk qiegħed nikteb din l-ittra biex nitolbok tagħtini s-sensja li nistampa l-poeżija (sunetti) tiegħek "Lil Żagħżugħ Raħli". Qrajtha fil-*Pronostcu Malti* għas-sena 1933. Ħadet l-ewwel premju fil-Konkors. Jistħoqqlok. Nifraħlek. Qiegħed nibgħat ittra wkoll lill-Proprjetarju tal-*Pronostcu* biex nitlob is-sensja tiegħu wkoll. Tara f'werqa (folja) oħra kif nixtieq nistampa l-poeżija tiegħek.

Jekk jogħġbok għidli x'iġifieri fil-poeżija tiegħek il-kliem: *minn ġmiegħi*. Irrid inqiegħed fil-ktieb tiegħi werrej tal-kliem.

Għoddni kollni tiegħek,<br>EDMUND F. SUTCLIFFE, S.J., M.A. (Oxon),<br>*Professur tal-Kotba Mqaddsa.*

* * *

Biex ma ntawwalx, m'iniex fi ħsiebni nxandar it-tweġibiet tiegħi wkoll billi dawn jinftehmu sewwa mill-ittri tiegħu stess li bagħatli wara, kif jidher minn din it-tieni waħda:—

Għażiż Sur Biancardi, 11 - 7 - 1934.

Nibqa' nafħulek talli tajtni s-sensja biex inxandar is-sunetti tiegħek u talli bgħattli "Il-Berqa".

.....................................................................................

Kont naf li l-kelma *ġmiegħi* hi l-għadd imkattar ta' *ġimgħa* (*ġimgħat*). Imma l-kliem *minn ġmiegħi*? Aktarx jiġifieri bl-Ingliż: *weeks before*? . . .

Tikteb il-kelma *ġieħ* hekk imħażża? Falzon (fid-Dizzjunarju tiegħu) jikteb ġieh bil-*h* m'hux imħażżeż, u Caruana ukoll. Liema l-aħjar? . . .

.....................................................................................

At the end of your letter you very kindly offered your help, and you see I am taking you at your word.

Inselli għalik u nitolbok tgħoddni dejjem tiegħek,

E.F. SUTCLIFFE, S.J.

* * *

Fit-tielet, ir-raba' u l-ħames ittra tiegħu lili, il-Professur Sutcliffe beda jikteb bl-Ingliż minħabba l-ħafna tifsiriet grammatikali li ried minn għandi u li għalih kienu ftit iebsa biex ifisserhom bil-Malti. Wieħed ma jridx jinsa li dan il-Professur qatt ma żar Malta u għalhekk wieħed ma jistax ma jistagħġibx kif fl-ewwel żewġ ittri għaraf ifisser ruħu hekk tajjeb. Tikteb grammatika mod, u tikteb u titkellem mod ieħor.

Jidhirli, iżda, li ma nkun qiegħed nagħmel xejn żejjed jekk inxandar imqar paragrafu wieħed minn l-aħħar ittra tiegħu li ġġib id-data tas-27 ta' Ottubru, 1934: —

Thank you for your letter and answers to my questions. I am grateful to you also for your interest in my work and for the promise to help it in your papers.

The Oxford University Press with whom I had an interview the other day tell me the book will not pay for itself. However I hope some means may be found of raising the necessary money, which is roughly estimated at 200 pounds.

.....................................................................................

Minħabba f'hekk Sutcliffe talabni niskużah jekk ma jkunx jista' jibgħatli kopja, la lili u lanqas lil *ftit* kittieba l-oħra li kellhom ix-xorti li jidhru fil-ktieb famuż tiegħu: "A Grammar of the Maltese Language".

Min qara u studja din il-Grammatika, li hija stampata b'tipi ċari, b'karta minn l-aħjar u b'legatura minn l-iżjed tajba, ma satax ma jfaħħarx il-ħila kbira grammatikali u filoloġika ta' dan il-ħabib tal-Malti li sab ħin biżżejjed biex jagħni l-letteratura tagħna bil-għerf lingwistiku tiegħu.

# MALTA TIBKI....

*Ta'* SPIRO BUHAGIAR

*Għall-aħbar tal-mewt tal-kittieb*
*famuż Malti Laurent Ropa.*

Smajtha titbekka... tolfoq... liebsa l-iswed,
Imqabbda f'xagħ'rha twil minn lewn is-sbula,
B'għajnejha ħomor nar, fuq wiċċha sfajjar
donnhom żewġt iġmra

Tistenna ma' kull għafja 'l ruħha ħierġa,
B'binha f'ħoġorha, trossu ma' sidirha;
Tgħidlu li tħobbu, jekk kienx għadu jħobbha
bħalma kien darba.

Tħoss demmek jirżaħ, hekk kif terġa' fiha
Wara li xxenglu w tbusu fuq kull xoffa;
Bla ma jtennilha li kien sar iħobbha
aktar minn dari.

Toħroġ minn qalbha karba twila, twila,
Taħfnu f'dirgħajha donnha qiegħda tibża'
Li ġejjin... waslu... biex jisirquhulha
mill-kenn ta' ħdanha.

Tolfoq... titbekka... tixher... liebsa l-iswed,
Ilmaħtha mqabbda f'xagħ'rha, tbenġel wiċċha,
B'għajnejha jtajru x-xrar, fuq wiċċha sfajjar
donnhom żewġt iġmra.

Imbagħ'd b'leħen miksur b'għajnejha mdemmgħa
Għajtet Melita: 'Għaliex il-fjur tal-fjur
Qiegħed ħesrem jidbiel u jmutli... jmutli
hekk kif raqmuni?'

Siktet imbagħad, bħal donnha m'għadhiex f'dinja.
U hekk smajtha tħammem bejnha u bejn ruħha:
'Serqitu l-mewt, 'ma f'ħajtu kien fost dawka
li ġabru 'l ġiehi!'

# BATTIKATA

*Ta'* FRA EWĠENJU FENECH, O.F.M.

"Anġ, kuraġġ. L-aħħar skoss u llestu."

"Kollox sew, pa", weġibtu. "Kif tgħidli nibdew."

Wara ftit. "Wieħed, tnejn, tlieta." U bdejna x-xogħol.

"Ara l-ħajt", werżqet ommi li kienet qiegħda tieħu ħsieb ix-xogħol.

Il-pis beda dejjem jiżdied.

"Timbuttax, pa", għidtlu b'nifsi maqtugħ.

"Ara l-fanal", reġgħet werżqet ommi, imma tard wisq. Il-fanal beda jitbandal qisu ċensier f'idejn l-abbati nhar il-festa.

Ħija ġieb siġġu u tela' fuqu biex iwaqqfu.

"Iva, ħelu, forsi tieħu xi xokk!", qaltlu oħti.

"Qabżet l-oħra", weġibha.

U missieri u jien nofħu biss.

"Għajejt", għidtlu jien.

"Jien ukoll", weġibni. "Inserrħu ftit."

Waqafna. It-tnejn li aħna nixxuttaw l-għaraq li beda ħiereġ minna qisu gelgul.

"U ejja, qiskom qed tagħmlu xi ħaġa kbira", qabżet qalet il-perit — ridt ngħid, ommi.

Irġajna qbadna. Infiħ, tqanżiħ, tiġbid u mbuttar.

"Ar' hemm" u "Ar' hawn" telgħin u neżlin.

"Ajma." Għajta u telaqli kollox fl-art.

L-ewwel li rajt lil ommi taqleb għajnejha. Wara lmaħt lil missieri jxejjer idejh u jdaħħal subgħajh f'ħalqu.

"Għidtilkom jien li kull ma tagħmlu intom sitt ħabbiet xogħol u lira ħsara."

"Grazzi", gergirt jien u f'qalbi ssuktajt, "Għax ma tiġix terfa' int?"

B'sebgħu nfaxxat u wara ħafna tapċpiċ fil-vojt, irġajna bdejna. Wasalna fit-taraġ.

"Anġ, issa attent mis-saqaf."

"Kollox sew, pa."

Tarġa. Oħra. BUMM!

Ommi tagħti fuq rasha.

"Bla grazzja t-tnejn li intom", werżqet. Sibt lil min qabbadt jien ukoll!"

"Imma kif tridna ngħaddu minn hawn, ma?" staqsejtha bil-ħniena.

Dik sa ftit ilu mhux fuq kienet?", wieġbet hi. "Kif telgħet trid tinżel." Ħu raġun!

"U ejja, kemm sa ddumu?", newħet oħti.

Missieri taha ħarsa bl-ikreh. Jien ma tajthiex tort. Kif ngħaddu aħna riedet tiknes u fil-ħamsa kellha tiltaqa' ma' sħabitha x-xatt. Issa kienu l-erbgħa u jekk konna se nibqgħu sejrin hekk ntawlu sas-sebgħa.

"X'sa nagħmlu, Anġ?" Missieri ma jaqta' qalbu minn xejn.

"Intajru s-saqaf", għidtlu, irrid nadħak u nwerżaq.

Skoss ieħor. Ħabta oħra. Barxa mal-ħajt. Għajat xejn għax ommi marret tara ħuti ż-żgħar fejn kienu. Im'nalla, għax ħoll xagħrek u ġib iż-żejt. X'ħin ġiet lura staqsiet.

"Mela għadkom hawn?"

"U hawn se nibqgħu", wieġeb missieri.

"Weħilna, ma", komplejt jien.

"Bla saħħa", kienet is-sentenza. Ħalliha li konna ilna minn filgħodu nqandlu u nġorru.

"Għandek amment, Nen? kif konna niżżilnieha minn fuq......"

"Dil-biċċa mbarazz?" komplejtlu jien.

"Ħelu! Issa meta tilħaq int ixtrilna għamara ġdida!" U bqajna bla soluzzjoni.

"Mhu sa nagħmlu xejn, Nen", ittanta jgħid missieri.

"Mid-dehra ma tridux, hux?", wieġbet.

Għalxejn. Dawn in-nisa ma jifhmux. Jekk igħidu abjad, abjad ikun, ukoll jekk ikun 'black out'. Paċenzja.

Irġajna. Iġbed u nbotta. Ta' xejn. Fejn konna bqajna.

"Ara erġgħu lura u ħalluha fejn kienet."

Ħadna nifs. Għamilna l-qalbu u rġajna lura mnejn ġejna.

Wasalna. Kollox f'postu.

"Ġuż taf x'qed ngħid", qaltlu ommi hi u timsaħ il-lostru. "Dil-gwardarobba konna niżżilnieha minn fuq il-bejt għall-bitħa. Tif-takar?"

Missieri ħares mibluh u jien lejh.

Li għajnejna kienu stalletti, ommi kienet taqa' minxura fl-art.

---

*FRAK*

## L-IMĦALLEF

Fil-Qorti jsamma' leħnu qawwi u sħiħ;
fid-dar mank biss parir ma jista' jtih.

*Vic Apap*

# REĊENSJONIJIET

## "THE TRILITERALITY OF QUADRILITERALS IN SEMITIC MALTESE", ta' Erin Serracino-Inglott. (Estratt mill-*Journal of Maltese Studies*, No. 1. 1966).

Din hi kontribuzzjoni dwar l-għerq trilitteru tal-Verbi Kwadrilitteri fil-Malti fejn l-Awtur wera studju ta' reqqa, sabar u dehen fir-riċerki lingwistiċi tiegħu.

Fl-erba' kelmiet ta' qabel ma daħal fl-analisi ta' l-istudju tiegħu, l-Awtur jagħti fuq fuq tifsira ta' l-isvilupp storiku tat-tnissil tal-verb kwadrilitteru minn għerq ta' verbi monosillabi u minn dawk ta' verbi trilitteri, u l-fehma tiegħu kontra dik ta' studjużi oħra li jqisu l-forma morfoloġika tal-kwadrilitteri bħala struttura oriġinali.

Il-verbi kwadrilitteri fil-Malti l-A. jqassamhom f'żewġ kategorji: (i) Normali u (ii) Speċjali, u fl-aħħar xi oħrajn li jsemmihom bħala verbi kwatrilitteri mnisslin mill-Isqalli, bi struttura oriġinali (imsejħin minnu "*true Quadriliterals*").

Dwar l-ewwel kategorija l-A. jagħti lista sħiħa ta' verbi mibnijin minn trilitteri fuq il-forom ta' verbi mnisslin li tagħhom juri eżempji msawrin fuq it-II, is-VII, u t-VIII forma, għalkemm, ma' dawn, jingħataw eżempji tal-V u l-X forma, li, skond ma jidhirlu, għandhom jitqiesu bħala *verbi kwinkwelitteri*.

Bħala regula l-grammatiċi ma jqisux il-*forom* tal-verbi mnisslin minn trilitteri bħala verbi kwadrilitteri, u l-A. stess b'xi mod jwettaq ukoll din il-fehma (fejn igħidilna li dawn mhumiex *real quadriliterals but merely inflated triliterals*). Skond il-grammatiċi, il-kwadrilitteri fil-qosor jinbnew fuq dawn il-prinċipji (*Wright-Arabic Grammar*):— (i) Minn għerq imtenni monosillabu (verbi *onomatopejċi*); (ii) biż-żieda ta' ittri barranin (iktarx likwidi jew sibilanti) fil-bidu, fit-tarf jew ġewwa l-kelma (preformativi jew pofformativi) u (iii) minn nomi li minnhom jitnisslu l-verbi kwadrilitteri denominativi, li milli jidher, l-A. ma jsemmihom b'xejn, ħlief fejn f'*nota* jsemmi l-verb kwadr. *ċajpar* min-nom *ċpar*.

Iżda l-A. mexa fuq metodu iżjed fil-wisa' u iżjed mirqum, għalkemm tista' tgħid, fuq l-istess prinċipji, kif naraw fil-lista tat-tieni kategorija fejn jagħtina mera dettaljat tal-verbi kwadrilitteri minn trilitteri biż-żieda ta' preformativi u postformativi jew pofformativi, kif ukoll b'għeruq imtennija fiż-żewġ sillabi tal-kelma, bid-dissimalazzjoni tal-likwidi *l* u *n* u bl-użu tal-kons. dgħajfa *w* (flok l-"*alif-ħamża*" jew *j*, fil-kelma).

Naħseb li xi verbi bħalma huma *fekren, qanfed, żarġen* u xi oħrajn għandhom iktarx jitqiesu bħala verbi kwadrilitteri denominativi mnisslin minn *fekrun*(a), *qanfud, żarġun,* fuq l-istess forma tal-verbi kwadrilitteri denominativi: *werden* (minn *wirdiena*); *isserdak* (minn *serduk*); *berren* (minn *berrina* — Sqalli: *birrina*); *bandal* (minn *pennula* — Sqalli — *pendola* — Tal.), milli minn proċess ta' tusgħ b'ittri barranin fit-trilitteri. Il-kwadrilitteru *xeblek,* li skond l-A. tnissel minn *xebbek,* naħseb li jista' jitqies bħala mnissel min-nom *xibka* li ħadet il-forma verbali ġeminata *xebbek* fejn it-tieni *b* tbiddlet f'*l. Fixkel* (jew *bixkel*) minn xi studjużi, fosthom il-mejjet ħabibi Ġ. Micallef, hija l-għaqda tal-verbi *xikel* u *fixel* (li minnhom tnisslu in-nomi *xkiel* u *fixla*), li bl-eliminazzjoni ta' l-ittri komuni *x* u *l* taw il-

kwadrilitteru *fixkel*.

Jidher, wara kollox, illi dwar it-tnissil tat-trilitteri u kwadrilitteri fil-verb Gharbi kien hemm min qabel ghamel xi studji, fosthom A. Joly (*Actes du XIV Congrés International des Orientalistes,* 1907) u qablu studjuzi ohra 'l hawn u 'l hinn bhal MM. Cherbonneau (*Revue Africaine,* 1868), u warajh M. Sonneck (*Journal Asiatique*).

S'issa, iżda, f'idejna ma kellniex fuq din il-materja hekk interessanti ħlief dan l-istudju ta' Erin Serracino-Inglott dwar l-Għerq Trilitteru tal-Kwadrilitteri fil-Malti, li bih, ħadd ma jista' jiċħad li nistgħu ngħidu nfetaħ bieb ġdid ta' riċerki lingwistiċi dwar il-għamla morfoloġika u etimoloġika tal-Verbi Kwadrilitteri Maltin.

A.C.

**"L-GĦARAJJES"** ta' Alessandro Manzoni, imfisser bil-Malti minn Alf. M. Galea.

Meta Alessandro Manzoni kiteb "I Promessi Sposi" fid-djalett Toskan, il-letteratura Taljana ikkompetiet u rebħet fit-tiġrija letterarja dwar ir-rumanz storiku. B'dik l-opra tiegħu, il-Manzoni mhux biss ta xhieda tas-setgħat kbar ta' l-Ilsien Taljan (li hu d-djalett Toskan), imma fl-istess ħin qal lill-Awstrijaċi, li dak iż-żmien kienu jaħkmu b'id tal-ħadid biċċa sewwa mill-penisula Taljana, biex ifittxu jparpru 'l barra; u qawwa qalb ħutu, it-Taljani, biex jissoktaw fl-għieda qaddisa għall-ħelsien ta' arthom mill-madmad tal-barrani. Ta' min iżid igħid li f'żgħożitu, il-Manzoni kien tilef il-Fidi, iżda li d-Dawl tal-ħniena t'Alla kien reġa' fetaħlu għajnejh u messlu qalbu b'mod meraviljuż — hekk li Alessandro Manzoni jista' kważi jixxebbah ma' San Pawl. B'dan ir-rumanz (kif ukoll il-mezz ta' l-*Inni Sagri*) Alessandro Manzoni ried ixandar mad-dinja li ma kienx baqa' aktar dak il-materjalista anjostiku li kien kiteb il-Karme lil Carlo Imbonati, imma li kien reġa' għal ħdan il-Knisja Kattolika, li tagħha baqa' sa mewtu sudditu fidil.

Ma għandniex xi ngħidu, ktieb bħal "I Promessi Sposi" ma setax ma jagħmelx kjass kbir, mhux biss fl-Italja, imma mad-dinja kollha; u kullimkien wasal il-messaġġ tiegħu ta' fidi qawwija f'Alla, imħabba għal art it-twelid, u ħerqa għal-libertà nazzjonali.

F'Malta wkoll "I Promessi Sposi" kien apprezzat ħafna, u bosta li kienu jafu bit-Taljan qrawh u reġgħu qrawh, u marru jisimgħu min jaqra u jikkummenta paġni sħaħ minnu — sa żmieni, fil-klassijiet għolja tal-Liceo kien wieħed mit-testi; u ngħid għalija, il-ftit Taljan li naf, nafu l-biċċa l-kbira għall-qari ta' kapitlu b'leħen ftit u xejn għoli, li fuq parir tal-mibki Professur Giovanni Calabritto, kont nagħmel ta' kuljum.

Kien hawn ukoll min, imsaħħar wara l-ġmiel ta' dan il-ktieb, deherlu li għandu jwasslu għand dawk il-Maltin li jew ma kenux jafu bit-Taljan, jew ma kenux jafuh biżżejjed biex japprezzawh. U hekk għamel is-Sur Alfons Maria Galea li qalbu għall-Malti — u x'Malti sabiħ! Nistieden il-qarrejja jxebbhu l-versjoni ta' l-'Addio' li jsibu f'paġna 58 ta' "L-Għarajjes" ma' l-oriġinal Taljan u jgħidu huma jekk hux minnu dak li qed ngħid. Ngħaġġel inżid li fit-traduzzjoni tiegħu, is-Sur Fons ħalla barra xi partijiet li, għalkemm ta' ġmiel letterarju u jorqmu r-rumanz, b'danakollu ma jinteressawx lil kulħadd. Fi ftit kliem, għamel l-istess bħal Luigi Venturi meta ppubblika "Il Fiore dei Promessi Sposi". "L-Għarajjes" bil-Malti, deher għall-ewwel darba fis-sensiela tal-Kotba tal-*Mogħdija taż-Żmien* (kienu ħarġu 150 minnhom) għadd 122 u 123, fl-1912.

Għal xi żmien, bħalma fil-fergħat kollha tal-ħajja tal-bniedem, il-Manzoni donnu twarrab — naturalment għax il-messaġġ tiegħu ma kienx jogħġob lid-dittaturi u 'l dawk li kienu jiżfnu ma' dwarhom. Imma issa reġa' ġie f'tiegħu. "I Promessi Sposi" baqa' jiġi maqlub f'ilsna oħra, minkejja l-fatt li jkun hemm traduzzjoni aktar antika; biex nagħtu eżempju, insemmu t-traduzzjoni tassew tajba ta' Archibald Colquhoun — "The Bethrotel" li ddedika "To the Italians of the Second Risorgimento of 1943-45" għalkemm Rafael Sabatini, l-awtur magħruf ta' "Scaramouche" kien kien ukoll ġa qalbu bl-Ingliż snin qabel, u li l-ewwel qlib bl-Ingliż — The Bethroted Lovers — kien sar mir-Rev. Charles Swan fl-1828, sentejn biss wara li kien ra d-dawl l-oriġinal.

Bil-Malti wkoll ma kienx biss is-Sur Fons li ħaddem il-pinna tiegħu biex jittraduċi dan ir-rumanz. Il-mejjet Mons. Pawl Galea li kien Vigarju ta' l-Arċisqof, kien ukoll qaleb b'reqqa kbira bosta bċejjeċ minn dan il-ktieb — biex għallinqas insemmi wieħed.

Tnejn mill-karattri li jidhru fi "I Promessi Sposi" qanqlu ħafna kurżità; irrid ngħid jien għall-"Innominato" — "Dak" fi "L-Għarajjes" u "la Signora di Monza" jew *Suor Gertrude — sor Gertrud;* bosta kienu dawk li staqsew jew fittxew fuqhom u kitbu dwarhom. Fl-1828, Giovanni Rosini speċi ta' kompla r-rumanz tal-Manzoni bil-ktieb tiegħu fi tliet volumi fuq Suor Gertrude: "LA MONACA di MONZA" fejn irrakkonta l-avventuri ta' dik l-iddisgrazzjata wara li ħarbet mill-kunvent ma' Egidio, dak il-minghul li kien ġegħelha tixħet lil Luċija f'idejn Dak. Dan l-aħħar ukoll Mario Mazzuchelli, avukat, għamel studju serju fuq din il-mara, vittma tat-tregħiba u l-ambizzjoni ta' missierha — "La Monaca di Monza", maqlub bl-Ingliż — The Nun of Monza; u Dmitri Schiro, B.Lit. fis-Sunday Times of Malta tal-5 ta' Frar, 1967, qalilna fil-qosor x'għamlet u kif temmet ħajjitha f'Santa Valeria din il-mindinba niedma — vera Maddalena.

Fostna wkoll reġa' dan l-aħħar tqanqal interess kbir fi "I Promessi Sposi" billi dan ir-rumanz ġie projettat mir-R.A.I. f'serje ta' film televisiv. Għalhekk l-Edituri ta' "Problemi ta' Llum" dehrilhom li kien wasal iż-żmien li jerġa' jidher "L-Għarajjes", l-aktar billi fl-1942, qabel ma miet, is-Sur Fons Maria Galea kien ta d-Drittijiet ta' l-Awtur (Copyright) tal-Kotba tal-*Mogħdija taż-Żmien* lil-Ġiżwita Patri Danjiel Glavina. Sa fl-aħħar dawn il Kotba tal-*Mogħdija taż-Żmien,* li ftit qabel l-aħħar gwerra kienu reġgħu bdew jiġu stampati — imma dak ix-xogħol inqata' ħesrem — sejrin, għall-inqas xi whud minnhom, jerġgħu jaraw id-dawl.

Aħna li nħobbu l-Ilsien Malti u l-letteratura tiegħu ma nistgħux ma nifirħux b'dan il-pass: l-ewwelnett, it-traduzzjoni, fiha nfisha, għandha bosta preġji letterarji; it-tieni, is-Sur Fons għaraf sa minn żmien ilu s-siwi ta' lsienna għall-edukazzjoni tal-poplu, u din hi wkoll il-fehma tagħna · fl-aħħarnett, is-Sur Fons kien wieħed minna, wieħed minn dawk li wieġeb għas-sejħa tal-Kav. Ġuże Muscat Azzopardi sabiex titwaqqaf *l-Għaqda tal Kittieba tal-Malti,* li hi *l-Akkademja tal-Malti,* l-Għaqda tagħna.

Fi "L-Għarajjes" li ħareġ illum, l-ortografija hi dik ta' "L-Għaqda" isa l-ortografija ta' kulħadd, u barra f'dan, it-tibdil li sar hu żgħir ħafna, f'xi kelma 'l hawn u 'l hinn. Il-Ktieb għandu format modern, stampat b'reqqa u jġib ritratt tas-Sur Fons qiegħed jikteb, kif ukoll fil-qoxra riproduzzjoni ta' kwadru magħmul apposta li juri l-għarajjes, Renzu u Luċija.

Ftit għandi xi nżid ma' dak li fid-daħla tal-ktieb intqal fuq is-Sur Fons: (i) min irid jissokta jduq il-benna tal-kitba tas-Sur Fons nistiednu jfittixha fil-"Għajna tal-Għanjiet" li qaleb għall-Malti fl-1928; (ii) hawn ftit noti ixxurtjati li nnexxielhom jaqraw il-bijografija tas-Sur Fons, li s-Sinjura Liza

kitbet sabiex uliedhom jagħarfu aħjar u jgħożżu aktar lil missierhom — nixtieq li din ix-xorti tmiss lil kotra kbira ta' nies.

Is-Sur Fons għax ħajja xempju għalina lkoll — kemm għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja tar-ruħ, kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajrna. Min ser imerini meta ngħid li dan il-bniedem b'għemilu bena monument għalih innifsu, imma li nkunu tassew nonqsu jekk ma nibnulux wieħed aħna biex jibqa' jfakkar lil dan "il-Qaddis" lil uliedna u lil ulied uliedna?

G.Z.A.

**"NIMXU WARA ĠESU"** — Dan huwa t-Tieni Ktieb ta' Meditazzjonijiet, miktuba minn Patri G. Delia, S.J., li l-Apostolat tat-Talb, Sarria, Furjana, ippubblika fi żmien tliet snin.

L-Ewwel Ktieb ta' Meditazzjonijiet, "Ġesù Qed Iħabbat!" kien ingħoġob bi sħiħ u nħataf fi żmien qasir. Dan it-Ttieni wieħed, "Nimxu Wara Ġesù" nistgħu ngħidu li fih l-istess benna u ħlewwa tas-sema, jekk mhux iktar ukoll, u kull meditazzjoni għandha tħalli ġid kbir f'dik ir-ruħ li trid tħobb fis-sewwa lil Ġesù u tingħata Lilu kollha kemm hi.

Fil-'Kelmtejn Minn Qabel', Patri G. Delia, S.J. igħidilna li dawn it-tletin Meditazzjoni, meħudin fis-sustanza tagħhom mill-ktieb "My Changeless Friend" ta' Fr. Francis Le Buffe, S.J., "għandhom bħala skop li jgħallmuna iktar fuq Ġesù, u jħeġġuna biex iktar nimxu fuq il-passi tiegħu." U jgħidilna wkoll illi huma tajbin għal kulħadd, sekulari u reliġjuż ; b'mod speċjali għas-sekulari li skond it-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II huma jagħmlu wkoll sehem mill-poplu t'Alla, u għalhekk ġew imsejħa daqs is-saċerdoti biex jgħixu ħajja ta' qdusija.

Mhemmx għalfejn ngħidu, "Nimxu Wara Ġesù" ħareġ mill-pinna ta' kittieb magħruf ta' l-Ilsien Malti. Kull kelma, kull frazi u kull sentenza huma magħżulin u minsuġin b'reqqa u ħila ħekk kbira li, waqt li wieħed ikun qed jaqra, għandu bilfors iħoss tissawwab f'qalbu dak il-hena li jaf jagħti biss Ġesù meta jitkellem mar-ruħ. U dan minħabba l-istil sabiħ li bih Patri G. Delia, S.J. mar jinseġ dan it-tieni sett ta' 30 meditazzjoni.

Il-ktieb li fih 128 paġna ġie mitbugħ pulit ħafna, bi stampa ċara ferm u l-istess daqs ta' l-ewwel wieħed, fl-*Empire Press*, Istitut Kattoliku, il-Furjana. Min jixtieq jikseb kopja għandu jasal f'dawn il-postijiet:

Sarria House, Floriana.
Xavier House, Triq San Pawl, il-Belt.
Librerija ta' l-Istitut Kattoliku, il-Furjana.

Il-Prezz: 2/- il-kopja bil-waħda. — 1/8 il-kopja bit-tużżana.

**"AGĦTINI RUĦEK"**, (G. Schryvers C.S.S.R.) Qlib ta' P. Val. V. Barbara, O.P. Editur A.C. Aquilina & Co., Malta - 1966 Paġ. 206

P. Val. V. Barbara O.P., li għadda bosta snin minn ħajtu jgħallem il-Malti fil-kulleġġ ta' San Albert, il-Belt, hu magħruf biżżejjed għas-sengħa u l-ħila tiegħu fil-kitba ta' lsienna. Ħiltu narawha b'mod speċjali fil-qlib għall-Malti ta' xi kotba li kienu ġa għamlu isem f'ilsna oħra. Fost dawn nistgħu nsemmu "Għaxar Snin Ħabs" ta' S. Pellico, "Lacordaire", ta' M.V. Woodgate, "Il-Qrariet ta' Santu Wistin". Iżjed reċenti ħareġ ukoll" Il-Ħabib Divin", "Agħtini Ruħek" u "Ommi Marija", it-tlieta ta' l-istess awtur, ir-*Redenturista*" P. Ġuż. Schryvers.

Imma jekk fit-traduzzjonijiet ta' qabel P. Valentin kellu f'moħħu bħala għan ewlieni l-ġieħ ta' l-Ilsien Malti, billi jxerred fost niesna kotba b'Malti ċar u sabiħ, ħafif u mexxej, f'dawn l-aħħar xogħlijiet tiegħu jidher li kellu għan ieħor wisq iżjed għoli u qaddis, jiġifieri dak li jagħmel il-ġid lill erwieħ b'mezz ta' qari tajjeb.

Il-ktieb "Agħtini Ruħek" saħansitra fl-istess isem tiegħu juri li ser jitkellem fuq l-għotja ta' ruħ il-bniedem lil Alla. Fl-ewwel Taqsima tiegħu, sewwasew fl-ewwel artiklu tat-tieni kapitlu jurina li "il-perfezzjoni kollha tinsab filli tingħata 'l Alla b'ruħek u b'ġismek, tintelaq f'idejh bħalma tarbija sserraħ rasha fuq l-ispalla t'ommha, tħobbu, tgħidlu li tħobbu u ttennilu mħabbtek il-ħin kollu bla ma tieqaf".

Matul il-kapitli l-oħra ta' l-ewwel u t-tieni taqsima naqraw fuq it-tifsira ta' dil-għotja ta' mħabba, u l-mezzi li wieħed għandu juża biex jasal għaliha. "Il-għotja mhix ħaġa oħra ħlief it-titjira ta' qalb li tħobb lejn l-aħjar fost il-missirijiet ..... Ir-ruħ għalhekk għandha tiġbor il-qawwiet kollha tagħha fl-att tal-għotja tagħha nfisha 'l Alla, u f'ebda ħaġa oħra". (It-II Taqsima — Kap. 1 Art. 2).

Meta wieħed jagħti lilu nnifsu, kollu kemm hu, lil Alla jistenna li Alla jħallsu b'mod xieraq ta' għamilu. Xi jkun il-ħlas ta' din l-għotja narawh fit-tielet taqsima tal-ktieb fejn naqraw li "Bħalma l-qalb tingħata kollha kemm hi, hekk ukoll Alla ma jistmerrx li jingħata kollu kemm hu. It-Tliet Persuni Divini tat-Trinità Mqaddsa jiġu jwaqqfu l-għamara tagħhom fir-ruħ u jixħtu fiha d-don tal-grazzja li tqaddes, li biha r-ruħ tintrefa' ħdejn Alla". (It-III Taqsima — Kap. 1. Art 1).

Dawn huma ftit mir-riflessjonijiet li naltaqgħu magħhom f' "Agħtini Ruħek". Jekk inqiegħdu fil-prattika it-tagħlim mitqlu deheb li jiġbor fih il-ktieb mill-bidu sat-tmiem tiegħu, aħna nġarrbu kemm kellu tassew raġun l-awtur x'ħin qal li "Ħadd fid-dinja ma għandu ħila jkun daqshekk sid tiegħu nnifsu daqs dik ir-ruħ li nħallet minn kull irbit tad-dinja u ċċaħħdet għal kollox minn kull imħabba li għandha togħma ta' l-art biss". (It-II Taqsima, Kap. 2. Art. 6).

Jalla dan il-ktieb jasal f'idejn min jaf igħożż il-ġid tar-ruħ, biex bħażżerriegħa li taqa' f'art tajba jkun jista' jagħmel il-frott mixtieq. Fuq kollox inħeġġu lil P. Valentin joħroġ iżjed minn dawn it-traduzzjonijiet, għax barra li jkun ikabbar is-sensiela ta' kotba bil-Malti, fl-istess waqt ikun qed jagħmel ħidma wisq għall-ikbar glorja t'Alla u għall-ġid ta' l-erwieħ.

---

## REĊENSJONIJIET — *Tiswijiet*

J. PERETTI: "*Les Aspects Linguistiques . . . de Malte*", Marzu 1966. p. 25, v. 53: "għajdut il-kotra f'Malta"; p. 27, v. 1: "fid-djar tat-tagħlim"; v. 26: "li ndaħal għaliha".

ĠUŻE GALEA: "*Id-Dinja Rota*", Settembru 1966. p. 95, v. 43: "jaħseb li jien erġajt lura minn dik il-fehma li tennejt kemm-il darba: illi r-Rumanzier Malti . . . "

J.J. CAMILLERI: "*Aħna Sinjuri*", Diċembru 1966. p. 123, v. 6: "Inqis għalija li l-qxura biss messew il-kittieba".

## TWISSIJA LILL-KONTRIBUTURI

Jiddispjaċina ngħarrfu li qed jaslulna kontribuzzjonijiet għall-istampa b'ittri mitfijin li ma jingħarfux, fejn ukoll, l-ittri Maltin ma humiex immarkati b'dijakritiċi. Hekk ukoll insibu f'xi kontribuzzjonijiet miktubin bl-idejn. Dan hu xkiel kbir, sew għall-kompożitur ta' l-istamperija, kemm għall-Editur li jrid joqgħod jaħli ż-żmien isewwi l-kitba ta' manuskritti qabel ma jingħataw għall-istampa.

Jixraq l-ewwelnett li min juża t-'typewriter' ibiddel iż-żagarella meta din tiqdiemlu biex l-ittri jkunu jidhru ċari; it-tieni, fejn it-'typewriter' hi nieqsa mit-tipi Maltin, il-kontributur għallinqas jimmarkahom bil-pinna jew bil-'biro'. Hekk ukoll meta l-manuskritt hu miktub bl-idejn.

Aħna ma nixtiqux nibagħtu lura l-kontribuzzjonijiet minħabba n-nuqqas li semmejna biex tingħata kopja oħra iżjed xierqa, jew minħabba f'hekk niskartaw il-manuskritt. Ma nixtequx nieħdu dan il-pass.

## I N F A K K R U

Infakkru lill-Imseħbin f'"IL-MALTI" li l-abbonament (4s. fis-sena) għandu jitħallas bil-quddiem fil-bidu ta' Jannar u jinbagħat lit-Teżorier Onorarju, is-Sur VICTOR APAP.

Nixtiequ wkoll infakkru lill-Membri Akkademiċi li l-ħlas ta' £1 (bħala Membri) għandu jitħallas bil-quddiem fil-bidu ta' Jannar. Nitolbu wkoll sabiex dawk li BAQGĦU LURA F'DAWN IL-ĦLASIJIET JIKKUMNIKAW MAT-TEŻORIER U MA JDUMUX MA JISSODDISFAW DAN IL-ĦLAS.

GIOV. MUSCAT & CO. LTD. - MALTA - PRINTERS.